**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 199/2012**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Sharon Zahra gia Scicluna**

**Illum, 6 ta' Mejju 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Sharon Zahra gie Scicluna** detenur tal-karta tal-identita Maltija **503174M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-21 ta' Mejju 2011, ghall-habta tat-3:00pm fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pusssess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-

regolamenti msemmija u dan bis skur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emandati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha.

2. Illi b'sentenza tad-29 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Paul Camilleri) vs Sharon Zahra gia Scicluna, il-Qorti tal- Magistrati (Malta) iddecidiet il-kaz billi sabet lill-imputata hatja tal- imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkundannatha ghal piena ta' sitt xhur prigunerija effettiva u multa ta' seba' mitt Euro, u ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-hatja ghall-hlas tal- ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert f'dawn il-proceduri ammontanti ghal €182.71); oltre li ordnat id-distruzzjoni tad-droga esibita taht il-harsien tar- Registratur.

3. Illi l-esponenti hassitha aggravata b'din is-sentenza u ghalhekk qeghda tinterponi minnha dan l-umli appell.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta ’Ġudikatura Kriminali ta ’nhar id-29 ta ’Marzu,2023, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, 1-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, sabet lill-imputata Sharon Zahra gia Scicluna (ID 503174(M)) hatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundannata ghall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u multa ta' seba' mitt ewro (€700), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas mill-hatja frati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hatja tonqos milli thallas pagament wiehed, il-bilanc jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.  Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodići Kriminali, kkudannat lill-hatja għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-hatra tal-espert f'dawn il-proċeduri, u cioe' l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, tnejn u tmenin ewro u wiehed u sebghin centeżmu

(€182.71), liema spejjeż għandhom jithallsu mill-hatja fi żmien sitt (6) xhur mil-lum. Ordnat d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. FM 2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li għandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Sharon Zahra gie Scicluna prezentat fir-registru ta 'din l-Onorabbli Qorti nhar ilit-13 ta 'April 2023 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija (Spettur Paul Camilleri) vs Sharon Zahra gie scicluna tad-29 ta' Marzu 2023 fejn sabet lill-imputata hatja tal-akkuza wahda migjuba kontra taghha;
- Tilliberaha minn kull akkuza u piena.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l- **aggravji** tal-appellant li **huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

1. Illi l-ewwel aggravju jirreferi ghall-fatt li llum huwa ben stabbilit li meta suspettat ma jinghatax id-dritt li jkun assistit mill-avukat ta' fiducja tieghu waqt li jkun qed jigi interrogat, l-stqarrija li tinghata u kwalunkwe xhieda dwarha ghandha tigi skartata kompletament, tigi sfilzata u addirittura ghandha titqies inamissibbli[1]. Issa l-appellanti intavolat rikors ghal biex tigi sfilzata l-istqarrija taghha fid-dawl tal-gurisprudenza prevalenti. Is-sentenza hawn appellata, fil-waqt li tinkludi aktar minn 5 pagni ta' referenzi ghall- insenjamenti tal- qrati superjuri, inkluzi 1-Qorti

Kostituzzjonali dwar dan il-punt, tikkonkludi li l-istqarrija tal-appellanti odjerna ghandha biss tigi skartata bhala nieqsa minn valur probatorju. Bhal ma ntqal fil-kaz Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et 2, huwa riskjuz li 1-istqarrija tithalla hemm u sempliciment tafda fuq l-ezercizju mentali li 'ma taghtix kasha'. L-ewwel Qorti jidher li zammet dik l-istqarrija wisq quddiem għajnejha tant li per ezempju f'pagna 4 tas-sentenza l-ispettur Frans Micallef huwa sottilment kritikat li fil-kontro ezami qal li ma kienx jaf lil min kienet sejra zzur l-imputata, meta dan kien jirrizulta fl-istqarrija; u iktar minn hekk fil-footnote numru 11 issir referenza piena ghal din 1- istqarrija. Daqskemm il-kaz internazzjonali ta' Saduz ikkonsidra stqarrija bla assistenza ta' avukat bhala difett procedurali, daqstant iehor huwa meqjuz difett procedurali li stqarrija mehuda b'dak il-mod tithalla tifforma parti mill-process tal-kawza. Fuq dan il-punt is-sentenza appellata timmerita li tigi revokata.

2. Illi t-tieni aggravju jirrigwarda 1-fatt li minkejja li l-insenjament 1- aktar gharef tal-Qorti tal-Appell[3] li jekk ikun hemm htiega li ssir strip search lil visitator, fl-ewwel lok ghandu jkun hemm ordni ghal dan mid-Direttur tal-Habs u fit-tieni lok il-vizitatur ghandu jigi avvzat bid-dritt tieghu li ma jassoggettax ruhu ghal tali strip search, I-Ewwel Qorti prattikament skartat dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali hemmhekk u ppruvat issib analogija ma' sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali, u cioe' Il-Pulizija vs Marouska Azzopardi fejn il-Qorti ddipartiet mill- insenjament tas-sentenza Pulizija vs Claire Farrugia a bazi ta' cirkostanzi partikolari ghal dak il-kaz. L-ewwel Qorti, fil-kaz odjern, tipprova ssib somiljanza bejn il-kaz odjern u dak it-tieni kaz tal-Qorti tal-Appel, pero fil- waqt li ma rrizultawx l-istess fatti, dik il-Qorti assumiet li l-fatti cirkostanzjali kienu l-istess.

Mela fil-kaz ta' Marouska Azzopardi irrizulta mix-xhieda li giet ordnata strip-search ghaliex kien hemm suspett illi Azzopardi kienet ser tipprova ddahhal oggetti projbiti gewwa l-habs; fil-kaz odjern hadd mix-xhieda ma qal li kien hemm tali suspett. Di fatti l-appellanti kemm-il darba sarulha strip searches, u dan bla ebda suspett u bla ma qatt infurmawha li kellha dritt tirrifjuta li tassoggetta ruhha ghalih. L-Ewwel

Qorti, bhal tinsisti li kellha ragun hi fil-kaz ta' Claire Farrugia (u cioe' meta l-kaz kien ghadu fil- prim' istanza quddiemha), u mhux il-Qorti tal-Appell Kriminali li dawritilha s-sentenza: ticcita lill-Qorti tal-Appell diversament presjeduta fil-kaz ta' Azzopardi anke meta tghid li l-istrip-search kienet legalment gustifikata ghaliex "...l-ordni harget wara li kien hemm suspett ragjonevoli li l-appellanti kienet ser iddahhal id-droga gewwa l-Facilita'..." Fil-kaz ta' Marouska Azzopardi, il-Qorti kellha quddiemha il-prova ta' suspett ragjonevoli, pero' fil-kaz odjern anqas din il-prova ma tezisti. Allura ghaliex l-Ewwel Qorti issib rifugju fis-sentenza ta' Azzopardi?

Illi l-esponenti umilment tissottometti li l-insenjament tal-kaz Pulizija vs Claire Farrugia jaghmel sens logiku: x'jiswa li fuq il-karti mohbija ikun hemm imnizzel dritt li persuna tista' tirrifjuta strip-search, pero' imbaghad dik il-persuna isirulha numru ta' strip searches u qatt ma tigi infurmata b'dak id-dritt? Hemm għalfejn wiehed jerga' jmur quddiem qorti internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem biex tghidilna li jekk jezisti dritt tal-vizitatur, il-vizitatur ghandu jigi mgharraf b'dak id-dritt? Mhijiex haga logika li in linea mad-dritt tas-silenzju u mad-dritt li persuna ma tinkriminax ruhha, vizitatur fil-habs ghandu jigi mgharraf li jista' ma jinkriminax ruhu billi jaghzel li ma jassoggettax ruhu ghal strip search?

B'kull rispett, din il-logika ghandna naslu ghaliha ahna lokalment, u mhux noqoghdu nistennew qrati barranin jghidulna x'inhi l-logika. Ghaldaqstant il-fatt wahdu li l-appellanti ma gietx infurmata bid-dritt li tirrifjuta l-istrip search huwa leziv ghad-dritt taghha ghal freedom from self-incrimination, u a bazi ta' hekk kull prova li harget minn tali strip search kellha tigi skartata u ma tinghata ebda piz probatorju.

Illi fit-tieni lok, ukoll dwar dan l-aggravju, il-prosekuzzjoni ma gabitx prova li din l-istrip search saret fuq ordni tad-direttur tal-habs. L-Ewwel Qorti titfaghha fuq id-difiza li toggezzjona ghal din l-Ordni - kif tista toggezzjona ghal din l-ordni jekk ma taf xejn dwarha. Li l-ordni inghatat mid-Direttur tal-Habs (u mhux mis-surgent, bhal ma gara fil-kaz ta' Claire Farrugia) kellha tkun prova ohra li kellha tressaq il-prosekuzzjoni. Fil- kamp krimnali dejjem issir insistenza ghall-ahjar prova; dak li

tghid l- Ewwel Qorti li d-difiza setghet qajmet dubju permezz ta' kontro-ezami certament ma kienx ser ikun hemm prova li tikwalifika bhala l-ahjar prova. Il-provi iridu jitressqu mil-prosekuzzjoni minghajr il-htiega li d-difiza toqghod tistaqsi ghalihom; l-imputat u d-difiza ghandhom id-dritt tas- silenzju u sta ghall-prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha, minghajr il-htiega li d-difiza tiftah halqha u titlob provi ahjar hi. B'kull rispett, jekk il-provi tal-prosekuzzjoni jhallu dubju dwar jekk kienx hemm ordni minn ghand id- direttur, id-dubju jimmilita favur l-akkuzat, u mhux nippretendu li l-akkuzat jipprova jsib il-verita' hu bil-kontro-ezami. Ara kieku l-ufficjali xhedu li kellhom ordni minn ghand id-direttur, hemmhekk iva sta ghad-difiza li tezawrixxi kull mezz ta' oggezzjoni jekk tahseb li mhux veru kien hemm tali ordni minn ghand id-direttr; pero' hawn hadd mill-ufficjali ma allega li l-ordni ghall-istrip search harget minn ghand id-direttur. Din hi sempliciment prova mankanti. Dan iwassalna ghall-konkluzjoni li dan il- fattur (li ma ngiebet ebda prova tal-ordni tad-direttur u d-dubju imur favur l-imputata) jirrendi l-istrip search bhala mhux skond il-ligi, u kull ma rrizulta minn tali strip search ghandu jigi skartat. L-ewwel Qorti m'ghamlitx dan, u ghal din ir-raguni wkoll is-sentenza appellata ghandha tigi revokata.

3. Illi t-tielet aggravju huwa totalment bla pregudizzju ghall-aggravji precedenti; il-provi mressqa, dawn ta’ valur probatorju, ma jwasslux ghas-sejbien tal-htija tal-appellanti. Il-Qorti hi tenuta timxi fuq il-principju quod non est in actis non est in mundi. Jekk mhemmx prova li d-direttur ta ordni ghal strip search, ma nistghux nassumu li din l-Ordni harget. Jekk din l- Onorabbli Qorti tikkonkludi li l-provi rizultanti mill-istrip search m'ghandhomx jitqiesu bhala prova f'dan il-kaz, allura ma jibqa' ebda prova li tinkrimina lill-appellanti.

Illi jekk bla pregudizzju ghas-suespost, grazia argomenti jinghad li din l- Onorabbli Qorti ma ssib xejn irregolari fl-istrip search u ma ssibx li ghandha twarrab ix-xhieda u l-provi rizultanti mill-istrip search, jibqa' l- fatt li ma ngiebet ebda prova cirkostanzjali li turi li l-pussess ta’ 0.9 gramma ta’ droga ma kinitx ghal uzu esklussiv. L-Ewwel Qorti, dwar dan ma tiddelibera xejn, imma sempliciment tghid "L-anqas ma

hemm dubju fic-cirkostanzi tal-kaz illi d-droga fil-pussess tal-imputata u'li hija ttentat iddahhal gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin gewwa chewing gum fhalqha, filwaqt li kienet ser taghmel vizita fl-istess Facilita', ma kinitx intiza ghall-uzu personali taghha." Ghaliex m'hemm dubju? Ghax hemm 1-istqarrija li suppost qed tigi skartata? Irrizulta mill-provi li waqt is-search l-appellanti nstabilha ukoll mobile: oggettivament nistghu nikkonkludu li l- appellanti riedet iddahhal dak il-mobile biex tghaddih lit-terz li kienet ser izzur? Oggettivament nistghu nikkonkludu li l-appellanti riedet iddahhal dak il-mobile biex tuzah il-persuna li kienet sejra zzur? LE. Mela kif nistghu oggettivament nikkonkludu minghajr dubju dettat mir-raguni li d-droga li nstabet fhalq l-appellanti kienet ghat-terz u mhux ghall-uzu personali taghha. L-istqarrija ghandha titqies bhal 'non in actis', u allura kien hemm bzonn li jkun hemm cirkostanzi aktar skjacanti li juru li tali 0.9 gramma ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-appellanti. Provi cirkostanzjali ohra mhemmx, u proprju ghalhekk l-Ewwel Qorti ma ddeliberat xejn fuq dan il-punt.

Ghalhekk, fil-waqt li l-esponenti tappella ghall-principju gia enuncajt tal- '*quod non est in actis...* u ghall-principju tad-dubju li jmur favur l-imputat, ghandu jibqa' li ma ngiebux provi biz-zejjed fuq l-akkukza solitarja mressqa mill-prosekuzzjoni, u l-esponenti ghandha tigi liberata minnha.

Semgħet lill-partijiet jitrattaw fis-seduta tat-13 ta’ Marzu, 2024.

**Ikkunsidrat,**

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti hija Qorti ta’ revizjoni u għalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Kif ritenut

fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese[1]:**

> *hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta din il-Qorti (kemm fil-kaz ta appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll filkaz ta appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghallkonkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit talistess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghallkonkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.94]; "I**r-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[5]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

---

[1] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.
[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta 'Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta 'Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta 'Mejju, 1991.
[5] [1969] 1 QB 276.

*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[6]

Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, diment li ma jkunx hemm raġuni valida. L-appellant jista 'ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta_'Malta vs. Ivan Gatt**,[7] ingħad illi :

*Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta din il-Qorti fil-kaz prezenti u f kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f_dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta_ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik iddiskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma***

[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

***setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semgħet ix-xhieda hi kif tkun semgħathom l-Ewwel Qorti, u għaldaqstant din tal-aħħar ikollha vantaġġ peress li tkun semgħet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Għaldaqstant, din il-Qorti tista 'ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, iżda jekk din setgħet legalment u raġonevolment tasal għal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Iżda, din il-Qorti tagħmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" għall-konkluzzjoni ta 'ħtija.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Nhar it-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) l-appellanta tressqet u wiegbet li mhux hatja ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha. Fit-taħrika jirrizulta l-kunjom 'Cutajar' giet koreguta biex taqra 'Scicluna', fejn tirrizulta li hemm firma tal-Ispettur Frans Micallef. Fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2019 ic-citazzjoni giet korretta sabiex tindika l-imputata bhala 'Zahra' u mhux 'Scicluna'.

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed l-**Ispettur Frans Micallef**[8] li qal li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) gie infurmat mill-Awtoritajiet tal-Habs illi vizitatur Sharon Zahra gia Scicluna kellha xi materjal suspettuz fuq il-persuna taghha. Jghid li din giet arrestata u li meta kellimha dwar l-incident wara li ta is-solita twissja u d-dmirijiet taghha hija ammettiet li kienet diehla b'xi droga l-habs sabiex tghaddiha lil xi hadd, izda rrifjutat li tizvela lil min, u lanqas ma tat informazzjoni min fejn prokurata. Ezebixxa Dok FM1 l-istqarrija moghtija mill-appellanta[9] kif ukoll is-sustanza bhala Dok FM2. In kontro-

---

[8] Ara a fol.7
[9] Ara a fol.9

ezami jghid illi ma rrizultalux lil min kienet sejra tara l-imputata fil-jum in kwistjoni u lanqas lil min kienet tmur tara regolarment.

Fis-seduta tal-ħdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) **WCO5 Joan Muscat**[10] xehdet illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) ghal habta tat-3:00pm l-appellanta marret tara lill-Michael Zahra. Xehdet illi saritilha strip-search, "l-*strip search* bdejnihielha minn halqha. Kellha chewing gum f'halqa u dan ic-chewing gum indunajna li goc-*chewing gum* hemm xi haga, ghidtilha ttini c-chewing gum u c-chewing gum ippassjajnieh lis-surgent." Mistoqsija jekk instabux affarijiet ohra wara l-*strip search*, twiegeb fin-negattiv. Qalet ukoll l-appellata ma qalitx x'kien hemm fic-*chewing gum*.

Xhedet ukoll **WCO1 Karen Grech**[11] fejn qalet illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) ghal habta tat-3:00pm l-appellanta marret tara persuna. Tgħid illi "gejna ordnati biex issirilha *strip search* u ghidnilha tiftah halqha, kellha *chewing gum* u ghidnilha biex ittina c-*chewing gum*, fejn irrizulta li kellha xi haga." Mistoqsija jekk ratx x'kien fih tirrispondi fin-negattiv. Tghid ukoll illi kienet il-kollega taghha li qaltilha li kien hemm xi haga goc-*chewing gum*. Tikkonferma illi hi ma ratx x'kien fih.

Fis-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) id-difiża iddikjarat illi qed teżenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' lil WPC271 S Bugeja u PC 1609 E Mizzi bħala xhieda tal-volontarjeta tal-istqarrija tal-imputata qua appellanta u tal-identità tagħha.

[10] Ara a fol. 12
[11] Ara a fol.14

Fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **PS100 Terence Azzopardi**[12] fejn spjega illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) gie infurmat mis-sezzjoni tad-Debituri ta' CCF li ghall-habta tat-3:00pm waqt spezzjoni li kienu ghamlu fuq l-appellata instab chewing gum li kien fih oggett iebes suspettuz. Huwa kien mar fuq il-post fejn kien hemm WCO5 **Joan Muscat** u **WCO 1 Karen Grech** fejn dawn barra c-*chewing gum* kienu elevaw ukoll pilloli tat-tip Zantac minn fuq il-persuna taghha, kif ukoll kapsoli kannella bl-abjad u c-cellulari taghha. Huwa qal li kien elevhom u informa lill-Ispettur Frans Micallef. Meta saqsiha jekk dawn l-affarijiet kinux taghha ma wegibtx. Izid jghid li l-Ispettur **Frans Micallef** kien baghtu jaghmel spezzjoni gewwa r-residenza taghha liema tfittxija rrizultat fin-negattiv. Jispjega li huwa ghadda l-affarijiet lill-Ispettur. Indika li qed jgharaf lill-imputata *qua* appellanta fl-awla. Prezenta ukoll rapport li ghamel hu stess bhala Dok TA[13].

Ix-xjenzat **Godwin Sammut**[14] xehed fis-seduta tal-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn spjega li huwa ghamel analizi fuq il-qartas tal-plastic li gabar immarkat bhala Dokument S/B/442/2012 li kien fih sustanza ta' lewn kannella u kkonkluda li din kienet eroina, bil-piz ta' 0.9grammi u purita ta' circa 15%. Il-konkluzjonijiet tieghu gew prezentati fir-rapport immarkat Dok GS[15]:

> *Illi fuq estratt meħuda mis-sustanza ta' lewn kannella fl-istess dokument instabet is-sustanza Eroina. Il-piż totali tas-sustanza kien ta' 0.9 grammi u l-purita' kienet ta' ċirka 15%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*[16]

[12] Ara a fol. 30
[13] Ara a fol. 33
[14] Ara a fol. 41
[15] Ara a fol. 44
[16] Ara a fol. 44 et seq.

Fil-mori tad-differiment ghall-ghoti tas-sentenza, l-imputata qua appellata prezentat rikors fejn fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Appell numru 259/2018 **Pulizija (Spettur Dennis Theuma u Spettur Spiridione Zammit) vs Claire Farrugia**, l-Qorti ntalbet testrometti mill-atti l-istqarrija tal-appellanta kif ukoll provi rizultanti mis-*strip search* li saritilha. Il-prosekuzzjoni irrispondiet billi oġġezzjonat illi l-imputata qua appellanta ingħatat il-keddijiet viġenti fil-liġi fiż-żmien in kwistjoni, inkluż id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, liema dritt hija għażlet li ma teżerċitax, kif ukoll illi meta saret l-*strip search* iċ-ċirkostanzi kienu simili iżda mhux identiċi għal-każ fil-kawża suċitata mid-Difiża, ladarba d-droga instabet f'*chewing gum* li kien f'ħalq l-imputata qua appellanta u skont il-Prosekuzzjoni, il-kavita' tal-ħalq mhijiex parti intima tal-ġisem a termini tal-Artikolu 350 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi fid-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) il-Qorti ssospendiet l-prolazzjoni tas-sentenza peress illi irrizulta illi t-tieni imputazzjoni kienet tezorbita l-kompetenza originali tal-Qorti u fil-bidu tal-proceduri ma sarx l-ezami tal-imputata *qua* appellanta skont il-ligi u lanqas ma gie esebit il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bhala procedura sommarja. Il-Qorti ghalhekk stiednet lill-partijiet jitrattaw dwar dan il-punt.

Skont il-verbal tas-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li qed tirtira t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanta, qrat l-akkużi mill-ġdid, liema ġew kkonfermati bil-ġurament tal-Ispettur Paul Camilleri. Id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli terġa tressaq il-provi u x-xhieda kollha mressqa f'din il-kawza. Il-Qorti ikkonfermat kull ordni u kull nomina li saret fil-kawża.

**Ikkunsidrat;**

Illi in breve, il-fatti huma s-segwenti:

1. Illi nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) ghall-habta tat-3:00pm **WCO5 Joan Muscat** u **WCO 1 Karen Grech** eżegwew *strip search* fuq il-persuna tal-appellanta li kienet l-CCF ghal żjara.
2. Waqt l-istrip search **WCO5 Joan Muscat** elevat *chewing gum* minn ħalq l-appellanta, li fih sabet xi ħaġa iebsa.
3. Ġew infurmata l-Pulizija tad-Distrett, fejn PS100 u WPC62 irrikorrew fuq il-post, fejn elevaw ukoll pilloli tat-tip *Zantac*, kif ukoll kapsoli kannella bl-abjad u c-ċellulari tal-appellanta.
4. Illi ttiehdet l-ewwel stqarrija fejn l-appellanta ammetiet li kellha droga izda irrifjutat li tghid ghal min kienet u dan wara li rrifjutat li tikkonsulta ma' Avukat tal-ghazla taghha u dan qabel l-interrogazzjoni.
5. Saret ukoll spezzjoni gewwa r-residenza tal-appellanta.
6. Illi nhargu l-akkuzi indikati fil-konfront tal-appellanta.
7. Irrizulta wara ezaminazzjoni mill-espert imqabbad mill-Qorti illi l-qartas tal-plastik li kien fic-chewing gum elevat kien jikkontjeni 0.9 gramma droga eroina b'purita' ta' 15%.[17]

**Ikkunsidrat;**

Illi l-**ewwel aggravju** jirrigwarda l-inammissibilta' u l-konsegwenti sfilz tal-istqarrija irrilaxxata mill-appellanta fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011), kif ukoll l-inammissibilita' ta' kwalsiasi referenza ghal din l-istqarrija li tinsab

[17] Ara a fol. 44 et seq.

a fol 9 et sequitur, u dan ghaliex l-appellanta ma kinitx inghatat d-dritt illi jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni.

Illi d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-interrogatorju f'investigazzjoni tal-Pulizija ma kienx jezisti meta ttiehdet l-istqarrija f'Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011). Skont il-ligi in vigore ta' dak iz-zmien hija kellha d-dritt li tikkonsulta ma' Avukat jew Prokuratur Legali qabel it-tehid tal-istqarrija izda ma kelliex dritt li jkollha Avukat prezenti waqt ir-rilaxx tal-istqarrija.

Illi d-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' access għas-servizzi ta' avukat fi procedimenti kriminali u fi procedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tigi infurmata parti terza dwar ic-caħda tal-liberta u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul ic -caħda tal-liberta fl-artikolu 3 tiprovdi:

***Id-dritt ta' access għas-servizzi ta' avukat fi procedimenti kriminali***

1. *L-Istati Membri għandhom jizguraw li l-persuni suspettati u akkuzati jkollhom id-dritt ta' access għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni koncernati jkunu jistgħu jezercitaw d-drittijiet tagħhom ta' difiza b'mod prattiku u b'mod effettiv.*
2. *Il-persuni suspettati jew akkuzati għandu jkollhom access għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien zejjed. Fi kwalunkwe kaz, il-persuni suspettati jew akkuzati għandu jkollhom id-dritt ta' access għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li gejjin:*

(a) *qabel ma jigu interrogati mill-pulizija jew minn awtorita oħra tal-infurzar tal-ligi jew gudizzjarja;*

(b) *mat-twettiq minn awtorita ta' investigazzjoni jew awtorita kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' gbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*

(c) *mingħajr dewmien zejjed wara c-caħda tal-liberta ;*

(d) *fejn gew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha g urisdizzjoni f'materji kriminali, fi zmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*

3. *Id-dritt ta' access għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li gej:*

(a) *L-Istati Membri għandhom jizguraw li persuna suspettata jew akkuzata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrapprezentaha, inkluz qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorita oħra tal-infurzar tal-ligi jew awtorita gudizzjarja;*

**(b)** ***L-Istati Membri għandhom jizguraw li l-persuna suspettata jew akkuzata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun prezenti u jippartecipa b'mod effettiv meta hija tigi interrogata. Tali partecipazzjoni għandha tkun konformi malproc eduri taħt il-ligi nazzjonali, dment li tali proceduri ma jippregudikawx l-ezercizzju effettiv u l-essenza tad-dritt koncernat. Fejn avukat jippartecipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali partecipazzjoni għandu jigi rregistrat bl-uzu tal-procedura ta' registrar f'konformita mal-ligi tal-Istat Membru koncernat;***

(c) *għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' gbir ta' provi li gejjin, fejn dawk l-atti huma previsti fil-ligi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkuzata hija meħtiega jew permessa li tattendi l-att koncernat:*

(i) *ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;*

(ii) *konfrontazzjonijiet;*

(iii) *rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.*

4. *L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni generali disponibbli biex jagħmluha facli għall-persuni suspettati jew akkuzati li jsibu avukat. Minkejja d-dispozizzjonijiet tal-ligi nazzjonali dwar il-prezenza obbligatorja ta' avukat, lIstati Membri għandhom jagħmlu l-arrangamenti meħtiega biex jizguraw li l-persuni suspettati jew akkuz ati li jinc aħdu mil-liberta tagħhom ikunu f'pozizzjoni li jezercitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' access għas-servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id- dritt f'konformita mal-Artikolu 9.*

5. *Huwa f'cirkostanzi eccezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il-kawza li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 2 fejn id-distanza geografikament 'il bogħod ta' persuna suspettata jew akkuzata tagħmilha impossibbli li jig izgurat id-dritt ta' access għas- servizzi ta' avukat mingħajr dewmien zejjed wara li persuna tkun incaħdet mil-liberta tagħha.*

6. *F'cirkostanzi eccezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il-kawza, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iggustifikat fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, abbazi ta' waħda mir-ragunijiet konvincenti li gejjin:*

*(a)* *fejn hemm ħtiega urgenti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-liberta jew l-integrita fizika ta' persuna;*

*(b)* *fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jigu evitati li l-procedimenti kriminali jigu pperikolati b'mod sostanzjali. (Emfazi u sottolinear mizjud)*

L-artikolu 9 ta' din id-Direttiva dwar ir-rinunzja jiprovdi li

7. *Mingħajr pregudizzju għal-ligi nazzjonali li teħtieg il- prezenza jew l-assistenza obbligatorja ta avukat, l-Istati Membri għandhom jizguraw*

*li, fir-rigward ta kwalunkwe rinunzja ta dritt imsemmi fl-Artikoli 3 u 10:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkuzata tkun ingħatat, bil-miktub jew bil-fomm, informazzjoni cara u sufficjenti b lingwagg semplici u li jinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt koncernat u lkonsegwenzi possibbli tar-rinunzja għalih; u*

*(b) ir-rinunzja tingħata volontarjament u b mod inekwivoku.*

*8. Ir-rinunzja, li tista ssir bil-miktub jew bil-fomm, għandha tigi rregistrata, kif ukoll ic-cirkostanzi li fihom tkun ingħatat ir-rinunzja, bl-uzu tal-procedura ta registrar f konformita mal-ligi tal-Istat Membru koncernat.*

*9. L-Istati Membri għandhom jizguraw li l-persuni suspettati jew akkuz ati jistgħu jirrevokaw ir-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju matul il-procedimenti kriminali u li huma jigu infurmati b dik il-possibbilta. Tali revoka għandu jkollha effett mill-mument li ssir.*

It-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva fil-ligi ta' Malta sehhet permezz tal-Att Nru LI tal-2016[18]. Din il-Qorti taghmel referenza senjatament ghall-artikolu 355AUA(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

*(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta reat kriminali;*

[18] Senjatament permezz tal-artikolu 355AT(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(b) *mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta xi att ta natura investigattiva jew att ta kollezzjoni ta evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);*

(c) *mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;*

(d) *meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti ligħandha ġurisdizzjoni f materji kriminali, f qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.*

L-artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

*Id-dritt ta aċċess għal avukat għandu jfisser dan li ġej:*

(e) *il-persuna suspettata jew akkużata, jekk tkun għażlet li teżerċita d-dritt tagħha għallassistenza legali, u l-avukat tagħha, għandhom ikunu infurmati bl-allegat reat li għalih ilpersuna suspettata jew akkużata ser tkun interrogata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lill-persuna suspettata jew akkużata qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema ħin m għandux ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni;*

(f) *il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li tiltaqa u tikkomunika filprivat mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż interrogazzjoni minn qabel mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

***(g) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-parteċipazzjoni tista tiġi regolata skont proċeduri li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista jistabbilixxi permezz ta regolamenti, hekk iżda li dawk il-proċeduri majippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza ta dak id-dritt konċernat. Meta avukat jipparteċipa fl-interrogazzjoni, il-fatt li kien hemm dik il-parteċipazzjoni għandu jkun irreġistrat permezz tal-użu fejn, fl-opinjoni tal-***

***intervistatur, hu possibbli ta_mezzi awdjovizwali skont il-paragrafu (d):***

*Iżda d-dritt tal-avukat li jipparteċipa b mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt talavukat li jostakola l- interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief fċ'irkostanzi eċċezzjonali, issir wara li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet;*

*(h) l-interrogazzjoni, it-tweġibiet kollha li jingħataw għaliha u l-proċeduri kollha relatati malinterrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, għandhom fejn, fl-opinjoni talintervistatur, hu possibbli jkunu rrekordjati b mezzi awdjovizwali u f dak il-każ għandha tingħata kopja tagħhom lill-persuna suspettata jew akkużata wara li tkun intemmet linterrogazzjoni. Kwalunkwe recording għandu jkun ammissibbli bħala prova, sakemm ilpersuna suspettata jew akkużata ma tallegax u ma tagħtix prova li r-recording mhuwiex irrecording oriġinali u li dan ġie mbagħbas. M hemmx għalfejn issir traskrizzjoni tar-recording meta tkun użata fi proċeduri fil-qorti tal-ġustizzja ta ġurisdizzjoni kriminali, lanqas ma hemm bżonn tal-firma tal-persuna suspettata jew akkużata f dikjarazzjoni bil-miktub li tkun saret wara l-konklużjoni tal-interrogazzjoni ġaladarba l-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha, jekk hemm, ikunu ġew irrekordjati fuq mezzi awdjovizwali;*

*(i) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jattendi għallatti investigattivi jew ġbir ta evidenza jekk il-persuna suspettata jew akkużata jeħtiġilha jew ġiet permessa li tattendi għall-att konċernat:*

*(i) ringiela ta persuni suspettati għal finijiet ta identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet tax-xena tad-delitt.*

Filwaqt li l-artikolu 355AUG tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti rrinunzja jaqra:

> *(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta dan is-Sub-titolu li jeħtieġ il-preżenza mandatorja jew assistenza ta avukat, fir-rigward ta kwalunkwe rinunzja ta dritt imsemmi fl-artikoli 355AUA u 355AUH:*
>
> *(a) il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata, verbalment jew bil-miktub, informazzjoni ċara u suffiċjenti b lingwa sempliċi u li tinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt ikkonċernat u l-konsegwenzi possibbli f każ li ssir rinunzja għalih;*
>
> *(b) ir-rinunzja għandha tingħata volontarjament u b mod inekwivoku.*
>
> *(2) Ir-rinunzja, li tista ssir bil-miktub jew verbalment, għandha tkun reġistrata kif ukoll iċċirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-użu ta kwalunkwe proċedura ta rekordjar permessa bil-liġi.*
>
> *(3) Il-persuna suspettata jew akkużata tista tirrevoka r-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju waqt il-proċeduri kriminali, u għandha tkun infurmata dwar din ilpossibilità. Dik ir-revoka għandu jkollha effett biss mill-mument li tkun saret.*

**<u>Ikkunsidrat;</u>**

**<u>Din il-Qorti taghmilha cara li l-appellanta inghatat d-drittijiet li kienu vigenti fiz-zmien meta ttiehdet l-istqarrija fejn ghalhekk ma kelliex dritt li ikollha Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija izda kellha dritt li jikkonsulta ma' Avukat qabel ir-rilaxx tal-istqarrija u ghalhekk l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat m'hijiex bi ksur tal-ligi li kienet in vigore dak izzmien li l-istqarrija giet rilaxxata.</u>**

Skont l-istqarrija mmarkata bhala FM1 li tidher a fol 9 tal-process li nghatat fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) l-appellanta inghatat it-twissija li tirrizulta fil-bidu tal-istqarrija ossia:

*'Qed nigi mwissija mill-Ispettur F. Micallef fil-presenza ta' W.P.C. 271 Svetlana Bugeja li ma nhiex obbligata li nitkellem sakemm ma nkunx nixtieq li nitkellem, imma dak li nghid jista' jingib bhala prova.*[19]

*Wara li l-Ispettur  infurmani li jiena ghandi dritt li niehu parir minnghand avukat tal-fiducja tieghi u din l-procedura saret fil-presenza ta' W.P.C. 271 S.Bugeja u P.C. 1609 E.Mizzi nghid li jiena ma ma rridtx nikkuntatja mal-Avukat.'*[20]

Fl-ahhar ta' din l-istqarrija hemm imnizzel:

'Din l-istqarrija ghamiltha jien minn jheddi bla biza' jew theddid jew promessi ta' vantagggi, u wara li giet moqrija nghid li hija l-verita u naghzel li niffirmha 10:30am'[21]

Din il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex taghmel referenza ghal uhud mis-sentenzi li indirizzaw kwistjonijiet rigwardanti l-ammissibilita' *o meno* ta' stqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat. Jigi precizat illi m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti biex tqis jekk giex lez id-dritt ghal smiegh xieraq izda biss jekk l-istqarrija ghandhiex tkompli tifforma parti mill-process.

Sentenza li għamlet impatt sinifikanti fuq il-gurisprudenza ta' Malta hija dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Borg v. Malta**[22]**.** F'dik is-sentenza l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fost numru ta' konsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li:

*'56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a*

[19] Ara a fol.9
[20] Ara a fol.9
[21] Ara a fol.10
[22] Deciza fit-12 ta' Jannar, 2016 u reza finali fit-12 ta' April 2016 (Applikazzjoni numru: 37537/13)

*procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

***58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).***

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal*

*provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law*

***inizjalment. L-istess ma jistax jingħad, kif ġustament stqarret il-Qorti Kriminali, fir-rigward tal-istqarrija li imbagħad ġiet rilaxxata fis-sena 2013 meta ftit wara l-appellat ġie mixli bl-omiċidju ta_Simon Grech. Dan għaliex fl-ewwel lok huwa kien mgħarraf dwar ir-raġuni li kien qed jiġi interrogat, ingħata il-jedd jikkonsulta ma_avukat, u mhux biss, iżda bit-trapass taż-żmien meta llura kien jaf bl-evidenza li kellhom f_idejhom il-pulizija, kellu kull opportunita_jieħu dak il-parir meħtieġ konsapevoli li kien qed jiġi indagat dwar l-omiċidju ta_Grech.***

*21. Illi d-direzzjoni li qed tiġi mogħtiija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet talBniedem hija univoka u ċioe illi kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f kull każ individwalment jekk, bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex jedd għal ebda forma ta assistenza legali, jew inkella, bil-fatt illi ma kellhiex l-avukat preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija, għalkemm dik il-persuna tkun kisbet parir legali jew għall-inqas ingħatat il-jedd li jkollha dak il-parir, dan setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha.* ***F dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati, bħalma ġew ravviżati ukoll mill-Qorti Kriminali qabilha, ma jistgħu bl-ebda mod jiġu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x aktarx ser jivvizjaw l-istqarrijiet tal-appellat miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom.***

***22. Illi allura għal motivi hawn fuq miġjuba, b'żieda mal-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata, jkun għaqli li f dan l-istadju bikri tal-proċess gudizzjarju, din il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta_l-istqarrijiet li ġew rilaxxati mill-appellat Ismael Habesh lura fis-snin 2005 u 2009, meta ma kellu jedd għall-ebda forma ta_assistenza legali, jiġu imwarrba u ma jinġiebux a konjizzjoni tal-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri._***

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Il-Qorti Kostituzzjonali fi pronunzjament ricenti hafna u coe 'fl-ismijiet **Emmanuele Spagnol vs. L-Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija'**[53] stqarret is-segwenti:

> *10. Il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Dan fil-fatt jaċċettah l-attur stess.*
>
> *11. Fil-każ odjern m hemmx dubju li l-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Dak iż-żmien però l-liġi kienet tippermetti li ssuspettat jikkonsulta privatament ma avukat, wiċċ imb wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta siegħa, qabel ma jiġi interrogat. Il-Qorti tosserva wkoll li l-attur kellu d-dritt li ma jirrispondix għad-domandi magħmula lilu waqt linterrogazzjoni. Inoltre, waqt il-proċeduri kriminali l-attur kellu d-dritt li jikkontesta l-ammissibilità tal-istqarrija, oltre li seta jikkontesta l-kontenut tagħha permezz ta kull prova li kien iħoss li kienet relevanti, u fil-fatt jirriżulta li l-proċeduri kriminali ilhom fi stadju ta provi tad-difiża għal żmien sostanzjali. Apparti minn hekk, l-appellant kellu kull dritt li jixhed u jagħti verżjoni differenti quddiem il-Qorti, dritt li jirriżulta li għamel użu estensiv minnu, tant illi d-depożizzjoni tiegħu ġiet maqsuma fuq żewġ seduti.*
>
> *12. Dwar il-vulnerabbilità o meno tal-attur, il-Qorti tosserva li minkejja li l-appellant xehed quddiem l-Ewwel Qorti li ma kienx jiftakar jekk qattx kien għadda minn xi proċeduri kriminali oħrajn barra dawk mertu ta dawn il- proċeduri, mis-sistema elettronika tal-Qorti jirriżulta li l-appellant kien involut f diversi proċeduri kriminali, inkluż proċeduri li bdew kontra tiegħu fl-1996 u li fihom kien instab ħati u ġie kkundannat għal piena ta sentejn priġunerija sospiżi għal erba snin flimkien*

[53] Deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta 'Mejju 2023.

*ma interdizzjoni ġenerali u interdizzjoni milli jservi bħala xhud ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja għal żmien taħ 'ames snin. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li din ma kinitx lewwel darba li l-appellant xellef difrejh mal-ġustizzja. Inoltre, għalkemm lappellant isemmi li huwa kien jieħu ċertu medikazzjoni biex jikkontrolla zzokkor, u li mingħajr din il-medikazzjoni u ikel kien iħossu dgħajjef, il-Qorti tosserva li mill-atti li ġew preżentati ma jirriżultax li l-appellant kien informa lill-Pulizija li huwa kellu bżonn jieħu xi medikazzjoni u fil-fatt fil-formola li timtela mill-uffiċjal ta detenzjoni ġie mmarkat li l-appellant ma kien taħt lebda kura. F dan ir-rigward relevanti wkoll li mix-xhieda jirriżulta illi li kieku l-appellant ma kellux il-medikazzjoni meħtieġa miegħu u lanqas il-preskrizzjoni għaliha, il-prassi kienet illi jittieħed il-poliklinika sabiex tkun tista tinħareġ preskrizzjoni minn tabib biex b hekk is-suspettat ikun jista jingħata l-medikazzjoni li jkun jeħtieġ. Għalhekk jidher li jekk l-appellant baqa nieqes minn xi medikazzjoni dan kien biss għaliex naqas milli jinforma lill-pulizija meta ġie mistoqsi. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, flimkien mal-fatt li fiż-żmien relevanti l-attur kellu aktar minn ħamsin sena u li kien effettivament ikkonsulta ma avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma ġie interrogat, il-Qorti tqis li ma jirriżulta l-ebda element ta vulnerabbilità.*

*13. Din il-Qorti reġgħet għarblet sew il-pozizzjoni tagħha fuq din it-tema ta' intempestività tal-ilment kostituzzjonali. Tagħmel riferenza għaż-żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem, **Martin Dimech v. Malta** tat-2 ta' April 2015 u **Tyrone Fenech et v. Malta** tal-5 ta' Jannar 2016, dwar ilmenti li jixxiebħu ħafna għal dawk tal-lum dwar it-tehid ta' stqarrija mingħajr konsultazzjoni minn qabel ma' avukat, għalkemm f dan il-każ ilkonsultazzjoni kienet waħda limitata.*

*14. F dawk is-sentenzi I-ilment tas-smigħ xieraq tressaq meta I-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti. Billi I-proċeduri kriminali kienu għadhom mexjin, il-Qorti Ewropea saħqet li kien kmieni biex jiġi deċiż jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le. Fi kliem il-Qorti Ewropea: applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, **Kesik v. Turkey**, (dec.), no. 18376/09, 24*

*August 2010 and **Simons v. Belgium** (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see **Bouglame v. Belgium** (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010). The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 I and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies" 15. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq il-premessa illi allegazzjoni ta' nuqqas smigħ xieraq teħtieg li I-proċess li minnu jkun qed isir I-ilment jiġi eżaminat fit-totalita tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfasi fuq inċident wieħed partikolari.*

*16. Naturalment ladarba f dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi I-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi I-ilment de quo agitur jiġu diskussi f dan l-istadju in vacuo. Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa listqarrijiet li saru u jekk saru jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha. Għal dak li jiswa jista jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna millpreokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm ilpossibbilità li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li ghandha ssetgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f dan l-istadju huwa għal kollox prematur.*

*17. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill-preżunzjoni talinnoċenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova l-akkuzi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu.*

*18. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta  smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur.*

*19. Il-Qorti tirreferi hawnhekk l-aktar sentenzi riċenti fuq is-suġġett, viz. Beuze v. Il-Belġju deċiża mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 u ssentenza Carmel Joseph Farrugia v. Malta deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019.*

*20. Dawn iż-żewġ sentenzi ħolqu numru ta' kriterji mhux tassattivi li wieħed għandu jqis biex jara jekk in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju tat-teħid tal-istqarrija jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Dawn il-kriterji jistgħu jiġu determinati biss wara li jintemm il-proċess kriminali.*

*21. Hija għalhekk il-fehma meqjusa ta  din il-Qorti meta jittieħed kont ta  kif il-Qorti Ewropea issa qed tindirizza l-kwistjoni mhuwiex floku li l-Qrati Kostituzzjonali joqogħdu jindaħlu f' temi li jmissu mas-siwi tal-evidenza.*

*Bħalma sewwa qalet il-Qorti Ewropea fil-każ* ***Carmel Camilleri v. Malta*** *deċiż fis-16 ta' Marzu 2000 li kienet dwar is-siwi ta  stqarrija mogħtija minn terzi: «The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as*

*evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair (see the **Doorson v. the Netherlands** judgment of 26 March 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-11, p. 470, S 67; the **Edwards v. the United Kingdom** judgment of 16 December 1992, Series A no. 247- B, pp. 34-35, 34). Furthermore, the Court cannot hold in the abstract that evidence given by a witness in open court and on oath should always be relied on in preference to other statements made by the same witness in the course of criminal proceedings, not even when the two are in conflict (see the above-mentioned Doorson judgment, p. 472, §78) »*

*22. L-għaqal li din il-Qorti tieħu din id-deċiżjoni dwar l-ilqugħ tal-eċċezzjoni tal-intempestività, jinsab imsaħħaħ ukoll minn dak li ġara fl-aħħar sentenza* ***Roderick Castillo v. Avukat Generali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020. F'din is-sentenza ġara li waqt li kienu mexjin il-proċeduri kostituzzjonali, ġew mitmuma l-proċeduri kriminali u Roderick Castillo gie meħlus mill-akkużi miġjuba kontrih. Minħabba din il-ġrajja, il-Qorti Kostituzzjonali qalet li: Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-appellat ingħata rimedju definittiv u effettiv. B'hekk minkejja dak li ġara fl-istadju meta l-appellat talistqarrija, xorta 'on the whole' kellu smigħ xieraq b'dak li ġara fl-istadju tal-appell"*

*23. Għalhekk l-aggravju qed jiġi miċħud*

Ricentament u cioe 'fis-sentenza moghtija ricentement fl-ismijiet **Jean Marc Dalli vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**[54] gie ritenut hekk mill-Qorti Kostituzzjonali:

*11. Il-ġurisprudenza hi ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza ta avukat ma jwassalx bilfors għal ksur*

[54] Deciza mill-Qorti Kostituzzjoniali nhar il-31 ta 'Mejju, 2023.

*fil-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali li jittieħdu kontra dik il-persuna.*

*10. F sentenza riċenti tal-QEDB,* ***Lalik v. Poland*** *(Application no. 47834/19) ġie mtenni: 64. The Court reiterates that it is necessary to view the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves (Ibrahim and Others, cited above, §§ 250-51). In consequence, despite the fact that the applicant did not explicitly cite Article 6 § 1, the Court will examine whether the proceedings as a whole were fair, considering that the need for such an examination derives from the well-established case law on that matter (see Beuze, cited above, §§ 147-48). The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the fact that the applicant was not properly informed of his rights (see, mutatis mutandis, Ibrahim and Others, cited above, § 265).*

*65. The Convention is intended to guarantee rights that are practical and effective and not theoretical and illusory. In this context, the Court recalls that Article 6 § 3 (c) of the Convention must be interpreted as safeguarding the right of persons charged with an offence to be informed immediately of their defence rights, irrespective of their age or specific situation and regardless of whether they are represented by an officially assigned lawyer or a lawyer of their own choosing (see Beuze, cited above, § 129).*

*66. In its analysis of the overall fairness of the proceedings, the Court will examine, to the extent that they are relevant in the present case, the various factors deriving from its case-law as set out in the Beuze judgment (cited above, § 150)."*

*12. Għalhekk il-Qorti trid tistħarreġ l-overall fairness skont il-varji kriterji (mhux tassattivi) li jissemmew fis-sentenzi Beuze v. Il-Belġju deċiża millGrand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza Carmel Joseph Farrugia v. Malta deċiża mill-QEDB fl-4 ta' Ġunju 2019. Fl-eżerċizzju jispetta lill-intimat li iressaq prova*

*li l-fatt li r-rikorrent ma kellux ilpossibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma ppreġudikax irrimedjabbilment il-każ tiegħu.*

*13. Il-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien meta r-rikorrent odjern ta l-istqarrija tiegħu, ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat <u>waqt</u> li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Kienet madanakollu tippermetti li s- suspettat jikkonsulta privatament ma  avukat, wiċċ imb wiċċ jew bittelefon, għal żmien ta  siegħa, qabel ma jiġi interrogat.*

Fl-ahhar, il-Qorti Kostituzzjonali cahdet l-appell u kkonkludiet bis-segwenti:

*24. Sal-lum l-unika ċertezza hi li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti taĠ 'udikatura Kriminali tas-27 ta  Jannar 2021, li għadha sub judice, sabet lir-rikorrent ħati ndipendentement mill-istqarrija tiegħu. Għal din il-Qorti hu ċar kristall li s issa m hemm xejn x jindika li rrikorrent ma kellux smigħ xieraq jew x aktarx li mhux ser ikollu smigħ xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u għalhekk ma sofra l-ebda preġudizzju. Anzi l-ilment tiegħu serva biss sabiex ikomplu jitwalu l-proċeduri kriminali bla bżonn."*

Fis-sentenza ukoll ricenti hafna tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta 'Malta vs Matthew Farrugia</u>**[55] il-Qorti mexiet fuq l-istess pronunzjamenti ta 'Spagnol u Dalli:

*52. B hekk in linja ma  dak deċiż fil-kawżi Dalli u Spagnol imsemmija iżjed il-fuq, il-pożizzjoni ġurisprudenzjali l-iktar riċenti issa trid li:*
*a. fejn si tratta ta  stqarrijiet rilaxxati bejn l-10 ta  Frar 201025 u t-28 ta  Novembru 2016 u*
*b. fejn ikun ġie amministrat lis-suspettat id-dritt għall-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni (iżda mhux ukoll waqt linterrogazzjoni, u irrispettivament jekk is-suspettat ikunx ukoll irrinunzja għal dak id-dritt li huwa kellu),  ma jitqiesx li*

[55] Deciza nhar is-27 ta 'Lulju, 2023.

*tapplika regola tal-esklużjoni awtomatika tal-istess stqarrijiet rilaxxjati mis-suspettat jew akkużat in bażi għal ksur awtomatiku tal-jedd tas-smiegħ xieraq. Iżda biex wieħed ikun jista jqis jekk u safejn ir-rilaxx ta tali stqarrija jkunx jista jkollha impatt fuq id-dritt ta smiegħ xieraq ta dak li jkun, tkun trid issir evalwazzjoni tal-proċess penali fl-intier tiegħu skont il-kriterji mfassla f Beuze u l-każijiet l-oħra msemmija.*

*53. Il-posizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali f Dalli u fi Spagnol għalhekk iddipartiet b mod ferm mill-prinċipji enunċjati f BORG vs. Malta u każijiet analogi. Fl-assenza ta xi regola jew liġi tad-dritt penali Malti li teskludi l-produċibilita ta din l-istqarrija bħala prova, din il-Qorti ma tistax issa tiddikjara (anke preventivament) tali prova inammissibbli.*

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment,</u>**

Din il-Qorti kif diversament ippreseduta fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta 'Malta vs Jonathan Roger Portelli</u>**[56] kienet iddikjarat bhala inammissibli u konsegwentament ordnat l-isfilz tal-istqarrijiet tal-akkuzat. Madankollu permezz ta 'sentenza datata it-22 ta 'Settembru, 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) hassret u rrevokat din il-parti tas-sentenza u fost affarijiet ohrajn qalet is-segwenti:

*14. Illi l-pożizzjoni ta dritt li tirregola it-teħid ta stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran ra żviluppi sostanzjali fis-snin reċenti.* ***Illi fiż-żmien meta l-akkużat ġie arrestat u interrogat lura fis-sena 2013, huwa ma kellux il-jedd li jkollu l-avukat preżenti miegħu matul it-teħid tal-istqarrija u dan għaliex, kif ingħad, dan il-bdil għal Kodiċi Kriminali kien konsegwenza ta trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta arrest Ewropew, bdil allura li seħħ fiż-żmien***

[56] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta 'Settembru, 2020.

***wara li l-akkużat kien ġie interrogat. Illi fiż-żmien meta ġiet rilaxxata l-istqarrija mill-appellat kien hemm dritt, għalkemm wieħed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiduċja tagħha fil-ħin preċedenti l-interrogatorju mill-pulizija.*** *Dan id-dritt ġie lilu konċess u l-appellat użufruwixxa minnu, biex b hekk l-istqarrija sussegwentement rilaxxata, hija in konformita mal-liġi viġenti f dak iż-żmien.* ***Di fatti, l-leġislatur fl-artikolu l-ġdid maħluq bl-Att III tal-2002 ħaseb sabiex il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f xi Għassa jew f xi post ieħor ta detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista jkun malajr tikkonsulta privatament ma avukat u prokuratur legali, wiċċ imb wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-sub-artikolu." Għalhekk inħolqot sitwazzjoni ġdida għar-rigward tal-istqarrijiet li ġew rilaxxati mid-data li nġiebu fis-seħħ dawk l-emendi l quddiem, sitwazzjoni, kif ingħad, fejn ingħata il-jedd tal-parir legali qabel l-interrogatorju. Illum fid-dawl tal-iżviluppi legali u ġurisprudenzjali, madanakollu, ma jistax jiġi ritenut li dwar dawn l-istqarrijiet tapplika xi regola esklużjonarja ta dritt penali proċedurali li tirrendi dawk l-istqarrijiet inammissibbli, għaliex dawn kienu konformi mal-liġi penali viġenti fiż-żmien relevanti.***

…

***17. Dan magħdud, madanakollu, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi f dan l-istadju bikri tal-proċeduri fejn il-proċess penali għad irid jinstema mill-qorti kompetenti ma jistax jingħad jekk il-kriterji indikati fil-kaz Beuze ġewx segwiti. Ukoll għaliex la din il-Qorti u lanqas il-Qorti Kriminali qabilha ma għandhom funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma għandhomx il-poter jistħarrġu f dan l-istadju, jekk tkunx seħħet xi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ, iktar u iktar f dik is-sitwazzjoni fejn l-assistenza legali tkun ġiet megħtija skont il-kriterji previsti mill-Liġi viġenti fiż-żmien rilevanti, u b mod partikolari meta l-ġudikabbli jkun***

*għamel użu minn dak id-dritt billi jkun kiseb dik l-assistenza legali qabel ma jkun irrilaxxja xi stqarrijiet lill-investigaturi. Ma tistax il-Qorti ta kompetenza penali tiddeċiedi a priori illi tiskarta prova li f dan l-istadju għadna valur probatorju, bil-fatt waħdu illi fiż-żmien li l-persuna akkużata tkun ġiet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat preżenti magħha waqt it-teħid tal-istqarrija. Dan għaliex skont l-imsemmija pronunzjamenti dan n-nuqqas ma jwassalx awtomatikament għal leżjoni tal-jedd tagħha għal smiegħ xieraq, meta l-Qorti Ewropea issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kienux ġusti fil-konfront tal-akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti. Kif ukoll minħabba l-fatt li l-jedd tal-assistenza legali matul l-interrogatorju kienet estensjoni tad-definizzjoni tal-jedd tal-assistenza legali li ma kienetx teżisti fiż-żmien meta l-akkużat kien ġie miżmum u mitkellem mill-Pulizija u b hekk dik l-estensjoni tal-jedd tal-assistenza legali ma kienetx għadha parti mid-definizzjoni tal-jedd tal-assistenza legali viġenti fil-Liġi Maltija u li ġiet offruta u użufruwita mill-akkużat f dan il-każ. Din l-amplifikazzjoni tal-jedd tal-assistenza legali li allura ġiet tinkludi l-possibilita tal-assistenza legali anke matul ir-rilaxx ta  stqarrijiet mill-persuna indagata ġiet fis-seħħ wara li l-akkużat f dan il-każ kien ġie interrogat. Ma kienx possibbli għalih li jingħata dak il-livell t assistenza legali mhux għax il-Pulizija ċaħditu minnu iżda għaliex il-Liġi regolanti l-assistenza legali dak iż-żmien ma kienx tipprevediha. Din il-Qorti ma tistax tqis li dawn l-istqarrijiet huma inammissibbli bħala prova fi proċeduri kriminali minħabba l-fatt li fiż-żmien li fihom ingħataw il-jedd għall-assistenza legali viġenti ma kienx ukoll jinkludi l-assistenza legali matul l-interrogatorju – inklużjoni fl-estensjoni tad-dritt tal-assistenza legali li daħlet fis-seħħ snin wara. Din id-distinzjoni per se mhix raġuni skont il-Liġi penali Maltija li twassal għall-esklużjoni tal-istqarrijiet de quo milli jservu ta  prova fil-proċeduri penali.* Apparti minn hekk, kif diġa intqal, l-akkużat kien mogħti dak il-jedd tal-assistenza legali skont il-Liġi viġenti fiż-żmien

*rilevanti u hu aċċetta dan il-jedd u għamel użu minnu billi qabel ma rrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu ħa lpariri legali li kellu jieħu.*

...

***21. Illi l-Qorti tistqarr illi hija konsapevoli tal-pronunzjamenti reċenti li ġew mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi tas-27 ta Jannar 2021 fejn ingħatat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex ma tqisx bħala prova stqarrijiet li jkunu ġew rilaxxati mingħajr id-dritt tal-assistenza legali billi jinsorġi l-periklu li jkun hemm difett proċedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smiegħ xieraq.[57] Hija konsapevoli wkoll ta pronunzjamenti oħra, b wieħed aktar recenti,[58] fejn il-Qorti Kostituzzjonali kienet tal-fehma kuntrarja,[59] u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma, meta tinsab mogħnija bil-provi kkumpilati u mingħajr ma tinoltra ruħha f indaġini dwar il-mertu, li kull każ jimmerita indaġini għalih innfisu sabiex jiġi mistħarreġ jekk teżistix il-biża li fil-proċess ġudizzarju il-persuna akkużata issofri nuqqas ta smigħ xieraq bl-ammissjoni bħala prova ta stqarrija li b xi mod tista tkun waħda mittiefsa minn xi difett mhux sanabbli anke meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni the overall fairness of the proceedings". Illi l-Qorti Kostituzzjonali stess fil-pronunzjamenti kollha minnha magħmula stqarret ċar u tond illi kien prematur f dan l-istadju tal-proċeduri tiddikjara illi kienet seħħet leżjoni billi l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu kien għadu ma ġiex konkluż, għalkemm f uħud mill-kazijiet tat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex tisfilza il-prova ta l-istqarrija, izda dan sar aktar bhala forma ta rimedju prekawzjonarju minhabba xi leżjoni potenzjali, u mhux għax fil-fatt kienet seħħet dik il-leżjoni lamentata. <u>Illi din il-Qorti fil-kompetenza tagħha ta natura penali, madanakollu, ma tistax tagħti din id-direzzjoni lil Qorti Kriminali u dan għaliex kif ingħad l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta dritt penali li qed teskludi l-</u>***

[57] Clive Dimech vs Avukat Generali, The Police vs Alexander Hickey, Morgan Onuorah vs l-Avukat ta'l-Istat

[58] Micallef Briegel vs Avukat Ġenerali Kost. 30/06/2021

[59] Kost: Ir-Repubblika ta 'Malta vs Martino Aiello – 27 ta 'Marzu 2020

***ammissjoni ta_l-istess u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx biex b_hekk lanqas jista_jiġi stabbilit f_dan listadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata tad-drittijiet kostituzzjonali tagħha, jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ. Dan ifisser għalhekk illi f_dan l-istadju tal-proċeduri ebda prova oħra marbuta ma_din l-istqarrija ma għandha tiġi estromessa mill-att.***[60]

Minkejja illi jirrizulta li kienet l-appellanta stess li rrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma' Avukat qabel l-ghoti tal-istqarrija kif anke jirrizulta mit-twissija li tidher a fol.9, **mill-kliem uzati f'dik it-twissija ma jirrizultax illi l-appellanta inghatat ukoll id-dritt li tkun assistita waqt it-tehid tal-istqarrija.** Anke ghaliex l-ligi fiz-zmien li l-appellanta ghamlet l-istqarrijiet ma kinitx tiprovdi tali dritt. Din il-Qorti tikkunsidra wkoll li l-fatt li l-appellanta irrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma' Avukat qabel l-istqarrija kif kellha kull dritt li taghmel, ma jfissirx li hi kienet ser tirrifjuta li tkun assistita matul l-interrogazzjonijiet li kieku kellha d-dritt.

Illi bħal ma rrimarkat din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizja vs Trevor Borg**[61]**:**

*Din il-Qorti hija konxja minn dawn is-sentenzi, madankollu bl-ikbar rispett **tghid li ma taqbilx maghhom**. Fil-kaz odjern, kif diga gie ritenut, l-appellat Trevor Borg irrilaxxa stqarrija, fejn inghata l-'caution 'skond il-ligi ta 'dak iz-zmien. L-istqarrija ttiehdet fis-sena 2014 u ghalhekk l-appellat filwaqt li kellu dritt li jikkonsulta ma avukat qabel l-interrogazzjoni ghal hin ta 'siegha, hu ma kellux dritt li jkun assistit minn avukat matul l-interrogatorju. **Illi ghalkemm huwa minnu illi l-akkuzat irrinunzja li jikkonsulta m'avukat jew prokuratur legali qabel l-interrogazzjoni, dan ma jfissirx awtomatikament li dan kien ser jirrinunzja wkoll li jkun assistit legalment matul l-interrogazzjoni. Ghalhekk jibqa_'l-fatt illi seta_'kien hemm pregudizzju kontra l-akkuzat.***

[60] Sentenza ohra il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-istess gurnata u cioe 'nhar it-22 ta 'Settembru, 2011 iddecidiet bl-istess mod kienet dik ta 'The Republic of Malta vs Christopher Doll.
[61] Appell Nru: 190 / 2023 Qorti tal-Appell Kriminali Deċiża 31 t 'Ottubru, 2023

*Din il-Qorti tqis li sal-gurnata tal-lum ma jistax jinghad li l-kwistjoni dwar jekk stqarrija ghandhiex tibqa' in atti nonostante l-fatt li ttiehdet fiz-zmien fejn il-ligi ma kinitx tiprovdi ghad-dritt li suspettat ikun assistit minn Avukat matul l-interrogazzjoni hija kristalizzata u d-decizjoni tal-ewwel Qorti fil-kaz odjern hija wkoll ezempju ta 'dan. Issostni illi hija mgharrfa mis-sentenzi ricenti li qed jigu deciza minn Qrati ohrajn, b'enfasi fuq l-overall fairness test u s-sentenza ta* ***'Beuze vs Belgium*** *madankollu hija* ***b'rispett kbir ma taqbilx maghhom*** *u fil-paragrafu sussegwenti ser taghti xi ragunijiet ghal dan.*

*Id-dritt ghall-assistenza t 'Avukat jew prokuratur legali fi pre trail stage ma jiddependi bl-ebda mod jew forma, fuq l-istat ta 'vulnerabbilta 'tal-akkuzat. Kull akkuzat, vulnerabbli jew le,* ***ghandu*** *dritt ghall-assistenza legali u dan sabiex jinghata parir dwar l-istrategija tad-difiza li ghandha tigi segwita. Il-fatt li akkuzat ma giex ippressat mill-pulizija ma jillimitax id-dritt tieghu ghall-assistenza legali. L-assistenza legali hija indispensabbli mhux biss biex tiggieled il-pressjoni mill-pulizija jew kwalunkwe evidenza ohra miksuba bi ksur tal-Konvenzjoni, izda* ***biex tiddefinixxi strategija ghad-difiza u tadattaha ghal kull incident matul il-procedimenti kollha****. Il-Pulizija hija mistennija li tagixxi skont il-ligi, irrispettivament jekk l-akkuzat ikunx assistit minn avukat jew prokuratur legali o meno. L-imgieba legittima tal-pulizija mhijiex argument ta 'valur li fuqu jigi ristrett l-ezercizzju ta 'dritt tal-Konvenzjoni mid-difiza. Dan l-argument jirrifletti kuncett restrittiv hafna tar-rwol tal-avukat fil-procedura kriminali. Oltre minn hekk, id-dritt li wiehed jibqa 'sieket mhux interchangeable mad-dritt tal-assistenza legali.* ***Id-dritt ghall-assistenza legali huwa strumentali fil-protezzjoni effetiva tad-dritt li wiehed jibqa 'sieket u kontra s-self-incrimination****. Il-fatt li akkuzat jigi mgharraf bid-dritt tieghu li jibqa 'sieket u l-fatt li ma saritx pressjoni mill-pulizija fuq l-istess akkuzat, m 'ghandhom xejn x'jaqsmu mad-dritt procedurali tieghu li jkun assisstit minn Avukat. Ghaldaqstant, in vista tas-suespost din il-Qorti mhux tilqa 'l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali.*

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost din il-Qorti tilqa' l-ewwel aggravju tal-apellanta.

**<u>Ikkunsidrat;</u>**

Illi t-**<u>tieni aggravju</u>** jirrigwarda l-illegalita' tal-i*strip search* illi saret fuq l-appellanta. L-appellanta tissottometti li t-tfittxija li saritilha ossia l-i*strip search* kif dahhlet ghaz-zjara gewwa l-facilta' Korrettiva ta' Kordin kienet wahda illegali u irregolari ghal diversi ragunijiet.

Illi r-Regolament 65 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03 jipprovdi illi:

> *Kull persuna jew vettura li tkun dieħla fħ'abs jew ħierġa minnu tista tiġi mwaqqfa, eżaminata u mfittxija".*

Ir-Regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03 jikwalifika illi kwalunkwe tfittixija fuq persuna gewwa l-bini tal-Facilita′ trid tinghata l-awtorizazzjoni tad-Direttur tal-Habs:

> *(1) Kull persuna li tkun waslet biex izzur prigunier ghandha tikxef l-identita` taghha lill-ufficjal tal-habs responsabbli.*
>
> *(2) Id-Direttur jista jordna li ssir tfittxija fuq kull persuna li tkun waslet biex izzur prigunier. Dik it-tfittxija ghandha ssir minn ufficjal tal-habs ta l-istess sess bhall-vizitatur u ghandha tigi dokumentata fir-registru msemmi fir-regolament 52(9).*
>
> *(3) Kull persuna li tirrifjuta li tikxef l-identita` taghha jew li toqghod ghal ordni tad-Direttur skond is-subregolament (2) ghandha tigi michuda permess biex taghmel iz-zjara.*
>
> *(4) Il-kazijiet kollha li fihom zjara tigi michuda taht is-subregolament ta qabel dan ghandhom jigu dokumentati fir-registru msemmi fir-regolament 52(9)."*

Ir-regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja ma jiprovdiex li visitatur li tkun ser isirilhom *strip search* ghandhom jigu nfurmati bid-dritt taghhom li jirrifjutaw. Dak li jipprovdi dan ir-regolament hu li f'kaz li jirrifjutaw, ghandhom jigu michuda permess biex taghmel iz-zjara.

Jirrizulta li l-appellanta ma gietx infurmata li tista' tirrifjuta din l-*istrip search*. Hija ma gietx mistoqsija jekk xtaqietx li tissoggetta ruhha ghal *strip search* u lanqas ma ntqalla li jekk ma kinitx ser taccetta ma kinitx ser tithalla taghmel il-vista. Wisq anqas ma oggezzjonat ghall-istess, u ghalhekk din it-tfittxija saret bir-rizultat illi meta gie innutat oggett suspettuz, hija inzammet u gew mghajta l-Pulizija. L-appellanti tissottometti li l-fatt li l-apellanta ma gietx avzata li hija setghet tirrifjuta din it-tfittxija, irrenda dak kollu li sar illegali u rregolari.

Il-Qorti tinnota illi s-sustanza mertu tal-każ odjern ġiet esebita mill-Ispettur Francis Micallef fix-xhieda tiegħu tat-18 ta 'Ottubru 2012, liema sustanza, mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirriżulta illi kienet droga eroina f'piż ta '0.9 grammi.

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, sussegwentement id-difiża intavolat rikors, li dwaru trattat fis-seduta tad-9 ta 'Ottubru 2019, li permezz tiegħu talbet illi din il-Qorti illi jiġu estromessi mill-atti proċesswali kemm l-istqarrija tal-imputata, rilaxxjata minnha mingħajr il-jedd illi tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorju tagħha, kif ukoll il-provi l-oħra riżultanti mill-istrip search li saritilha, u dan fid-dawl tassentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur DennisTheuma u Spettur Spiridione Zammit) vs Claire Farrugia**[62] tal-20 ta 'Novembru 2018.

Illi kif stħarġet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma u Spettur Spiridione Zammit) vs Claire Farrugia**[63] **l-fatt li l-imputata ma ngħatatx din it-twissija li setgħet tirrifjuta li ssirilha *strip search* irendi tali tfittxija kienet waħda llegali:**

> *Dan ifisser illi skont dawn ir-Regolamenti, id-Direttur tal-Habs jista jordna tfittxija fuq vizitatur ossia persuna li tmur gewwa l-habs sabiex izzur prigunier u jipprovdi illi kemm il-darba dak il-vizitatur jirrifjuta li joqghod ghal tali ordni ta tfittxija, huwa ghandu jigi mcahhad milli jaghmel dik iz-zjara.*

[62] Deċiza fl-20 ta Novembru, 2018, Appell Nru: 259 / 2018
[63] Deċiza fl-20 ta Novembru, 2018, Appell Nru: 259 / 2018

*Huwa minnu illi r-Regolament ma jghid jew jezigi illi l-ufficjali tal-habs ghandhom javzaw lill-vizitatur li huwa jista jirrifjuta li joqghod ghal tfittxija li tigi ordnata mid-Direttur tal-Habs izda propju dan in-nuqqas irendi kull tfittxija illegali stante illi persuna ghandha tigi infurmata biddrittijiet taghha. Illi huwa inutli illi l-ligi taghti d-drittijiet legali lill-persuna liema drittijiet ma jigux mgharrfa lill-persuna kkoncernata. Illi bhalma per ezempju persuna illi jekk titwaqqaf mill-Pulizija wara suspett ragjonevoli illi kienet qed issuq taht l-influwenza tax-xorb u l-Pulizija jkunu jridu jaghmlu t-test tan-nifs fuq ilpersuna, ghandhom l-obbligu legali illi jinfurmaw lill-persuna kkoncernata illi huwa jista jirrifjuta tali test tan-nifs, l-istess fil-kaz odjern, id-Direttur ghandu u kellu lobbligu illi jinforma lill-vizitatur illi jista jirrifjuta illi jissoggetta ruhu ghal strip search u johrog mill-habs haga li ma saritx fil-kaz odjern.*

*Illi billi l-kliem inniffsu tar-regolament li ma jezigix tali avviz lill-vizitatur, ma jfissirx illi wiehed m'ghandux jinforma lill-vizitatur apparti illi tali nuqqas ghandu jimmilita favur l-appellanta fis-sens in-nuqqas f ligi partikolari ma jirrendix tali ligi valida u regola izda anzi jrendiha illegali u leziva ghad-drittijiet tal-appellanta. Huwa minnu illi meta vizitatur jidhol gewwa l-Facilita` Korrettiva ta Kordin sabiex izur prigunier, dan ghandu jistenna li jissoggetta ruhu ghar-regoli ta dik il-Facilita`, b mod partikolari regoli li jassiguraw is-sigurta` tal-post u tal-abitanti tieghu izda ghandu jigi informat ukoll bl-obbligi u d-drittijiet tieghu. Illi mhuwiex minnu illi l-appellanta riedet tirrifjuta li tassoggetta ruhha ghal dawk ir-regoli izda anzi kieku kienet giet informata b tali drittijiet kif johorgu mill-istess Regolament kienet tuzufruwixxi minn tali drittijiet.*

Il-Qorti tqis ukoll dak deċiż minn din il-Qorti kif diversement preseduta, fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marouska Azzopardi[64]:**

*"Illi ma huwiex kontestat illi hekk kif l-appellanti dahhlet gewwa l-Facilita giet ordnata li issirilha strip search. Dan il-fatt qatt ma gie kkontestat quddiem l-Ewwel Qorti kif inghad. Jidher mix-xhieda tal-ufficjali talFacilita li xehdu f dawn il-procedura illi din l-istrip search giet ordnata li ssir billi kien hemm suspett illi l-appellanti kienet ser*

[64] Deċiża nhar it-3 ta 'Lulju 2020, mill-Qorti tal-Appell Kriminali

*tipprova iddahhal xi oggetti pprojbiti gewwa l-habs. Illi l-ligi taghti s-setgha lil kull vizitatur li jirrifjuta kemm li jaghti l-identita tieghu kif jigi mitlub illi jaghmel, kif ukoll li jirrifjuta joqghod ghat-tfittxija li tigi ordnata li ssir fuq il-persuna tieghu/taghha. Il-konsegwenza ta tali rifjut hija illi dak il-vizitatur jigi mcahhad mid-Direttur li jaghmel dik il-vizta lil prigunier kif mitlub. Ma hemm l-ebda konsegwenza ohra ta natura penali jew inkriminatorja. Dan ifisser illi l-istrip search li saret ma saritx b xi mezzi kontra il-ligi, ghaliex il-ligi stess taghti s-setgha lid-Direttur tal-Habs illi jaghmel l-ispezzjonijiet li jidhirlu li huma mehtiega. Illi di piu l-ligi lanqas ma tipprovdi dwar xi twissija li ghandha tinghata lil vizitatur qabel ma ssirlu din it-tfittxija u, allura, jekk il-vizitatur ikun jixtieq izur lil prigunier huwa jrid joqghod ghall-ordni lilu moghtija jew jigi mcahhad lilu l-jedd li jaghmel il-vizta. Illi a contrario senso, allura, din ir-regola tfisser illi kull vizitatur qatt ma jista jigi mgieghel mill-awtoritajiet tal-Habs la li jikxef l-identita tieghu u lanqas li joqghod ghal xi tfittxija li tista tigi mitluba li ssirlu.*

*Illi kienu diversi d-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar idDrittijiet tal-Bniedem dwar jekk tezistiex xi lezjoni ta xi dritt fondamentali meta jsiru dawn it-tfittxijiet intimi, kemm fir-rigward talprigunier innifsu u anke fir-rigward tal-vizitatur. Illi fil-fatt abbazi ta dawn id-decizjonijiet il-Kunsill tal-Ewropa harrget l hekk imsejha* ***European Prison Rules (2006)*** *(sussegwentement emendati) dwar fost ohrajn regoli li ghandhom jigu mharsa meta jsiru tfittxijiet fuq vizitaturi fejn hemm rakkomandat:*

> "***Searching and controls***
>
> **54.1 There shall be detailed procedures which staff have to follow when searching: ...**
>
> **<u>c. visitors and their possessions.</u>**
>
> **54.2 The situations in which such searches are necessary and their nature shall be defined by national law.**

**54.3 Staff shall be trained to carry out these searches in such a way as to detect and prevent any attempt to … hide contraband, while at the same time respecting the dignity of those being searched and their personal possessions.**

**54.4 Persons being searched shall not be humiliated by the searching process.**

**54.5 Persons shall only be searched by staff of the same gender. …**

**54.7 An intimate examination related to a search may be conducted by a medical practitioner only. …**

**54.9 The obligation to protect security and safety shall be balanced against the privacy of visitors.**

**54.10 Procedures for controlling professional visitors, such as legal representatives, social workers and medical practitioners, etc., shall be the subject of consultation with their professional bodies to ensure a balance between security and safety, and the right of confidential professional access.**

*Dawn ir-regoli gew moghtija din it-tifsira:*

**"This rule lays down that in each prison there should be a clearly understood set of procedures which describe in detail the circumstances in which searches should be carried out, the methods to be used and their frequency. These procedures must be designed to prevent escape and also to protect the dignity of prisoners and their visitors.**

**There should be clearly defined procedures for making sure that visitors to prisoners do not attempt to breach reasonable security requirements, for example, by bringing into the prison articles that are not allowed. These procedures may include the right to search visitors in person while taking into consideration that visitors are not themselves prisoners and that the obligation to protect the security of**

**the prison has to be balanced against the right of visitors to their personal privacy. The procedures for searching women and children need to be sensitive to their needs, for example, by ensuring that a sufficient proportion of staff carrying out searches is female. Personal searches should not be carried out in public view**[65]

Fl-inkartament kriminali kollu m' hemm l-ebda prova illi dakinhar, id-Direttur tal-Habs kien ta l-ordni in kwistjoni. **WCO1 Karen Grech** fix-xhieda taghha tghid biss li nghataw l-ordni izda ma tispecifikax minn min. Lanqas ma jirrizulta x'qajjem is-suspett wisq anqas suspett ragonevoli ghat-tfittixa. Illi jinghad illi l-appellant m ' huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt*.

Illi kif qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Dejnek v. Poland**[66]

*75. The Court is aware of the need to ensure security in institutions where people are deprived of their liberty. It considers, however, that highly invasive and potentially debasing measures like body searches or strip searches require a plausible justification. It does not appear that such a justification was given to the applicant by the prison authorities in the instant case. The Court also notes that the Ombudsman recommended on 23 December 2014 that a person who had been notified that he was to undergo a body search should have the right to contest that decision in court (see paragraph 44 above). In the absence of such an effective remedy, it is difficult to enforce the requirement of a sufficient justification for body searches or strip searches at the domestic level.*

*76. The foregoing considerations are sufficient to enable the Court to conclude that the authorities failed to provide sufficient and relevant reasons justifying the strip searches of the applicant on 5 June 2012 and 25 August 2012.*

---

[65] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għal https://rm.coe.int
[66] deciza 1 ta' Ġunju 2017 (Applikazzjoni numru 9635/13)

Bl-istesss mod f'**Nowak v. Poland**[67] il-Qorti qalet:

> *37. The Court is aware of the need to ensure security in institutions where people are deprived of their liberty and the difficulty in running such establishments. It considers, however, that highly invasive and potentially debasing measures like strip searches require a plausible justification. It does not appear that such a justification was given to the applicant by the prison authorities in the instant case (see, mutatis mutandis, Dejnek, cited above, § 75).*

**Il-legalità tal-*strip search* waqt żjara fil-ħabs, m'hijiex determinata biss minn jekk din kinitx tfittxija intima.** Illi huwa ampjament car li il-fatt li l-appellanta ma gietx infurmata dwar id-dritt taghha li tirrifjuta li ssir l-i*strip search* u li f'kaz li rrifjutat kienet tigi michuda d-dritt li taghmel il-vista ifisser li **ma setghetx tuza dak id-dritt**. Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma u Spettur Spiridione Zammit) vs Claire Farrugia**[68]

> *"**Persuna ma tistax tgawdi dritt sakemm ma tkunx infurmata dwar dak id-dritt.** Ghalhekk fil-kaz odjern, ghalkemm ir-regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja jiprovdi li f'kaz li visitatur jirrifjuta li ssir tfittxija fuqu, ma jithalliex jaghmel il-vista u kif xehdu uhud mix-xhieda jaf ikun hemm perjodu fejn dan il-vizitatur li jkun irrifjuta ma jithalliex jaghmel visti, **il-fatt li persuna ma tigix infurmata dwar dan id-dritt huwa minnu nnifsu leziv.** Ghaldaqastant, kif hawn ikkunsidrat jirrizulta li minkejja li l-appellanta ma rrifjutatx li ssir it-tfixxija, hija ma gietx infurmata li setghet tirrifjuta u ma ssirx il-vista, ghalhekk tali tfittxiha kienet wahda leziva ghad-drittijiet tal-appellanta."*

[67] deciża fit-13 ta' Ottubru 2022 (Applikazzjoni numru 60906/16)
[68] Deċiza fl-20 ta Novembru, 2018, Appell Nru: 259 / 2018

**Ikkunsidrat;**

Stante li kemm l-*istrip search* giet ikkunsidrata bhala illegali u in oltre, l-istqarrija tal-appellanta ghar-ragunijiet fuq ikkunsidrati huma wkoll inammissibli, dak li baqa li jigi kkunsidrat huma jekk il-bqija tal-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti iwasslux ghal htija.

Prova indizzjarja trid tkun ċara u univoka sabiex twassal għal sejbien ta' ħtija tant li meta interpretati ma jwasslu għall-ebda konklużjoni oħra għajr dik tas-sejbien tal-ħtija. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana'**[69] fejn ġie ikkunsidrat:-

> *'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta 'hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f 'kuntest ta 'dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta 'prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b 'mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta 'htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F 'kaz li l-elementi ta 'prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta 'htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo 'u cioe 'li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Dylan Agius ID 401187(M))'34** ikkunsidrat ukoll:

> *Illi l-gurist* ***Ingliz Pollock C.B****35 jiddeskrivi l-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita` tagħha bis-segwenti mod:*

[69] Deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Novembru 2001

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of."* (Emfażi miżjuda)

Ghaldaqstant dak illi din il-Qorti trid tikkonsidra huwa jekk il-bqija tal-provi migjuba jwasslux ghal decizjoni wahda ossia ghal decizjoni ta' htija fil-grad li trid il-ligi.

Fl-ismiijet il-**Pulizija vs John Mifsud**[70]**,** il-Qorti irrimarkat illi:

*Kif meqjus fid-digriet fl-ismijiet '**DANIEL ZAMMIT VERSUS ROCCO BARTOLUCCIO**'*[71] *dwar fatti u kwistjonijiet kompletament differenti minn dawn odjerni:*

*Skond il-fehma tal-konvenut, ir-registrazzjonijiet telefonici ittiehdu b manjiera illecita u minghajr il-kunsens tieghu u, allura, l-istess ma jistghu qatt jitressqu bhala evidenza ideonea fi procediment gudizzjarju. B dan l-argument il-konvenut donnu qed jittenta jdahhal fil-vicenda de quo dak il-principju maghruf bhala fruits of the poisoned tree". **Dan hu precett predominanti hafna fis-sistema legali Amerikana fejn il-logika ta warajh trid illi jekk is-sors innifsu ta l-akkwist ta l-evidenza huwa illecitu, allura kull haga li tiddixxendi minn tali sors huwa wkoll illegali (fi kliem iehor, l-effett negattiv ad inceptio jirriverbera ex posterior fuq kollox li johrog jew jemana minnu).** Madanakollu, jigi sottolinejat, illi **tali principju ma jezistix fl-ordinament guridiku Malti.** Mhux konsentit li jidahhlu principji ritwali*

[70] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it- 23 ta' Settembru 2021
[71] Moghti mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-3 ta' Frar, 2020 (Avviz tat-Talba numru: 80/2019).

*godda jew novelli li l-legislatur Malti ma ddisponiex espressament dwarhom jew provda ghalihom, li huma aljeni ghas-sistema guridika nostrana. Dan huwa hekk l ghaliex dak li trid il-ligi, tghidu espressament abbazi talmassima ubi lex voluit, lex dixit".*[72] *Il-ligi procedurali domestika, fis-skiet tal-ligi, ddur ghall-ispirazzjoni ghallprincipji u dawk in-normi li jsawwru r-regoli procedurali Inglizi.*[73] *Ghalhekk, wiehed idur biex jara kif tali materja giet kunsidrata fis-sistema Ingliza u s-segwenti huma ftit kaptazzjonijiet ghar-rigward. Insibu ritenut illi, The law in this area is complex and still developing. Statute occasionally provides rules governing the admissibility of evidence obtained by particular methods. Where the statute is silent, or there is no relevant legislation, the general rule at common law*

[72] 32 Referenza ghall-massimi u precetti derivanti mid-Dritt Ruman huma pertinenti ghax kif maghdud fid-decizjoni in re Dr. Giovanni Messina ed altri v. Com. Giuseppe Galea ed altri (Prim'Awla, 5 ta ' Jannar, 1881 – Decizjoni No 122 riportata f'Kollez. Vol. IX–308), il-Ligi Rumana kienet, u ghadha, l-"ius comune" (ligi komuni) ta 'Malta u "nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane". Bhala ezempju fejn saret referenza ghal u applikazzjoni tal-principji mid-Dritt Ruman, ara, inter alia, Vincent Curmi noe v. Onor. Prim'Ministru et noe et (Qorti Kostituzzjonali, 1 ta 'Frar, 2008); John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliett et (Appell Superjuri, 26 ta 'Gunju, 2009); Anthony Caruana & Sons Limited v. Christopher Caruana (Appell Superjuri, 28 ta 'Frar, 2014); Coleiro Brothers Limited v. Karmenu Sciberras et (Prim'Awla, 13 ta 'Frar, 2014); u Sebastian Vella et v. Charles Curmi (Appell Superjrui, 28 ta 'Frar, 2014). (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh ilpagna enumerata tlieta (3) fid-digriet citat.)

[73] It-Tribunal josserva li r-rit procedurali civili taghna jsib il-fons tieghu fid-dritt Ingliz. Il-Kodici ta ' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta 'Malta) kien modellat, fil-gran parti tieghu, fuq in-normi procedurali Anglo-Sassoni, normi illi gew imhaddna fl-ordinament domestiku fi zmien iddominju Ingliz f'Malta. Fil-fatt fil-monografija "Storia della Legislazione in Malta", l-gurista Malti PAOLO DE BONO (Malta, 1897) ifisser li taht l-Imperu Ingliz, "Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile." (p.320) u noltre illi, "Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825. Ma i singoli provvedimenti sono alcune volte superiori a quelli delle leggi inglesi medesime." (p.322) Importanti ferm illi l-imsemmi awtur, f'footnote ghal din l-ahhar citazzjoni, jghid, inter alia, hekk: «Ma lo studio delle opera de 'giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettura del BEST, 'The principles of the law of evidence '8th edizione curata dal LELY (Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso.» (pp.322–323). Bhala ezempju tangibbli ta 'dak illi qed jigi maghdud, wiehed jirreferi ghas-sentenza in re Lawrence sive Lorry Sant v. In-Nutar Guze 'Abela (Prim'Awla, 27 ta 'April, 1993) fejn naraw illi din l-Onorabbli Qorti ghamlet referenza ampja ghad-duttrina Ingliza ghal dak li ghandu x'jaqsam mallaw of evidence relattivi ghax-xhieda. Fis-sentenza gie kwotat l-awtur Peter Murphy ("Modern Law of Evidence", 2nd edition) u l-opra intitolata "Cross on Evidence" (2nd Australian edition). Addizzjonalment, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-proceduri in re Michael Agus v. Rita Caruana (Prim'Awla, 10 ta 'Marzu, 2011; digriet kamerali) ghamlet referenza ampja ghar-regoli ta 'evidenza Inglizi f'dak li jirrelata ma 'produzzjoni ta 'evidenza dokumentarja u l-valur probatorju taghha. Inoltre, fid-decizjoni in re Robert Hornyold Strickland v. Allied Newspapers Ltd (Appell Superjuri, 31 ta 'Jannar, 2019) naraw kif l- Qorti ghamlet espressament referenza ghal-Ligi anglosassona [vide pagna 13 ta 'dik issentenza]. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha (4) fid-digriet citat.)

*applies.* ***This rule states that the admissibility of evidence is not affected by the means used to obtain it.*** *The use of illegal or unfair techniques to obtain evidence does not generally make otherwise relevant and admissible evidence inadmissible" (IAN DENNIS, The Law of Evidence", Sweet & Maxwell 2010; 4th ed., §8.2, p. 301). L-istess awtur ikompli jghallem illi, The general rule at common law was and remains clear and unambiguous. The means by which evidence is obtained does not affect its admissibility as a matter of law.* ***Provided the evidence is relevant it is admissible in law, and it is not rendered inadmissible because illegality or unfairness is used to obtain it****. A classic statement of the attitude of nineteenth-century judges was the terse observation of Crompton J. in Leatham [(1861) 8 Cox C.C. 498 at 501]: «It matters not how you get it; if you steal it even, it would be admissible in evidence». The inspiration for this common law position came largely from civil cases, where the court has traditionally conceived its function as that of doing justice between the parties according to the evidence the parties choose to present. From this standpoint it is immaterial how the parties come by their evidence." (ibid. §8.3, p. 302). Utili hafna dak misjub fil-ktieb ta J. D. HEYDON intitolat Cross on Evidence" (Butterworths 2010, 8th ed., §27230, p. 988) fejn insibu asserit li, Lord Goddard rejected the submission that evidence obtained illegallly was for that reason inadmissible (Kuruma v R [1955] AC 197): ... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is where it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained …".*

*Din il-posizzjoni tidher abraccjata fis-sistema domestika. Ilqrati taghna kellhom okkazzjoni jitrattaw u jindirizzaw aspetti analogi ghat-tematika odjerna u f dan ir-rigward, it-Tribunal jaghmel referenza ghassenjalazzjonijiet rilevanti maghmula*

*fid- decizjoni in re* ***Ir-Repubblika ta_Malta v. Meinrad Calleja*** *(Qorti ta Appell Kriminali, 3 ta Mejju, 2000)*[74]*:*

> *« Issa, apparti li ma hemmx prova – jew, jekk hemm, din ma ingabitx a konjizzjoni ta din il-Qorti fil-kors tat-trattazzjoni orali –* ***li r-registrazzjoni saret bi ksur ta__xi ligi, anke li kieku kien hekk (jigifieri li r-registrazzjoni saret bi ksur tal-ligi) dan ma jfissirx li dik ir-registrazzjoni ma hix ammissibbli bhala prova. Il-gurisprudenza kostanti talqrati taghna kienet dejjem li prova hi ammissibbli minkejja li biex wiehed jikseb dik il-prova tkun inksiret xi ligi ohra, u dan konformement mar-regola tal- _common law" Ingliza in materja*** *(ara f dan is-sens* ***Il-Pulizija v. Grezzju Spiteri****, App. Krim. 8/3/84; ara wkoll* ***P. v. Josephine Bonello****, App. Krim. 16/10/42* ***u s-sentenzi citati f Harding s Recent Criminal Cases Annotated, Malta, 1943, p. 198).*** *Din il-Qorti taghmel referenza in partikolari ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliza tal-15 ta Marzu, 1968 fejn gie ritenut illi recordings of conversations obtained through telephone tapping by private individuals are admissible in evidence" (R. v. Senat and Sin, 52 Crim. App. R. 282). Minkejja li fl-Ingilterra il- Police and Criminal Evidence Act, 1984 tat espressament il-qrati diskrezzjoni li jistghu, f certi kazi, jeskludu provi obtained improperly or by trick" (ara l-Artikolu 78 ta dik il-ligi), irregola generali ghadha li evidence obtained unlawfully, improperly or unfairly is admissible as a matter of law" (Blackstone s Criminal Practice, 1991, pagna 1689, para. F.2.6). Fi kliem Lord Chief Justice Goddard fil-kaz Kuruma, son of Kaniu v. The Queen (1955) AC 197: ... ... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While this*

[74] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja' deciza fit-3 ta' Mejju, 2000 millQorti tal-Appell Kriminali (Att ta' Akkuza numru: 20/97) il-Qorti kienet ghamlet referenza ghal dak li lEwwel Qorti fis-sentenza appellata datata l-14 ta' Dicember 1998 kienet ikkunsidrat dwar l-eccezzjonijiet imressqa. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tifhem li r-referenza maghmulha f'dan id-digriet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja' jirreferi ghal dak imnizzel fis-sentenza tat-3 ta' Mejju 2000 fejn f'dik il-parti kienet qieghda tikwota ssentenza tal-14 ta' Dicembru 1998. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha (5) fid-digriet citat.)

*proposition may not have been stated in so many words in any English case, there are decisions which support it, and in their Lordships opinion it is plainly right in principle." (p. 203).*

*« Din il-Qorti tara li ghal dak li jirrigwarda l-ammissibilità ta prova miksuba illegalment, din hi wkoll il-posizzjoni taht illigi taghna. Kif inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fissentenza tad-19 ta Jannar, 1996 fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena****: fis-sistema taghna dik li hija komunement imsejjha bhala l- Exclusionary Rule fl-Amerika, ghad m hijiex radikata u r-regola generali fis- sistema taghna hija* ***li provi illi jkunu gew ottenuti b mod censurabbli fuq skala kemm morali kif ukoll possibilment anke legali, xorta huma ammissibbli."***

*« Jizdied jinghad li fl-Ingilterra, minkejja l-Att tal-1984 aktar il fuq imsemmi, il- House of Lords fil-kaz* ***R. v. Khan (Sultan)*** *(1996) 3 WLR 162, upheld the decision of the Court of Appeal that evidence obtained by a bugging device, attached by the police to a private house without the knowledge of the owner or occupiers, as admissible and should not have been excluded under section 78 ... ... The crime being investigated was one of great gravity; in the circumstances the invasion of privacy, with attendant trespass and damage, was outweighed by the lack of pressure or oppression by the police, the absence of incitement, the fact that the defendant had not been arrested and the existence of a tape recording of the conversations" (ara Archbold, 1997, para. 15–503).*

*« Din il-Qorti tirribadixxi illi f dan il-kamp, il-ligi taghna ma tistax tigi ekwiparata ma ligijiet ohra fejn il-principju huwa divers u fejn il-gurisprudenza segwiet linji kompletament opposti ghal dawk nostrani. Tirrepeti in oltre li dik l hekk imsejjha exclusionary rule li tezisti f certi gurisdizzjonijiet hija aljena ghas-sistema taghna ... ... Similment, l-appellant qieghed jissottometti illi l-Prosekuzzjoni qed titlob lill-Qorti bhala istituzjoni legali, li f dan il-process legali, tikser il-ligi u tkun kompartecipi f dan il-ksur tal-ligi, jew li tissana ksur ta ligi." Apparti milli, kif tajjeb osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti, din l-allegazzjoni l-appellant qieghed jaghmilha minghajr ma almenu ressaq hjiel ta prova jew indikazzjoni ta prova illi dak li sar, sar*

*illegalment da parti tal-awtorità talpulizija, jigi osservat illi l-bazi tal-eskluzjoni mis-sisema taghna tal- excluionary rule huwa proprju r-rifjut tas-sistema taghna illi jallaccja l-valur probatorju u l-ammissibilità ta prova mal-mod kif tkun giet ottenuta hlief ghal dak li jirrigwarda konfessjonijiet da parti tal-akkuzat li huma regolati specifikatament u differentement mill-Kodici. Fuq dan l-aspett legali, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha in re Repubblika ta Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena deciza fid-19 ta Jannar, 1996. »*

*In kongunta ma dak appena osservat, fid-decizjoni in re* ***Repubblika ta_Malta v. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah***[75] *inghad illi,*

*Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista taghmel prova ta dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-«facts in issue» – jigifieri kull dokument (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) more or less probable a fact in issue" –* ***hu (hi) ammissibbli in kwantu relevanti, kemm-il darba ma jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri «an exclusionary rule of evidence», li jirrendi dak iddokument (jew dik il-prova) inammissibbli." Dan ikompli jsahhah l-osservazzjoni maghmula precedentement illi l-legislatur Malti jimpurtah aktar mir-rilevanza ta_l- evidenza u x jista_jkun il-kontribut ta_l-istess evidenza ghall-kaz, milli l-forma taghha jew kif l-evidenza tigi akkwistata jew ottenuta.****'*

F'Malta, ma nżommux mad-duttrina tal- *fruits of a poisoned tree* li jistipula li jekk l-evidenza tkun akkwistata illeċitament, dan jagħmel kull ħaġa li toħorġ minn tali evidenza miksuba illeċitament, illegali.

Għalhekk ir-rapport u l-annalizi tax-xjenzat **Godwin Sammut**[76] fejn spjega li huwa ghamel analizi fuq sustanza u kkonkluda li din kienet eroina, bil-piz ta' 0.9grammi u purita ta' circa 15%[77] tibqa waħda ammissibbli.

[75] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta 'April 2001
[76] Ara a fol. 41
[77] Ara a fol. 44 et seq.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn spjegati, din il-Qorti sejra tilqa' **limitatament** t-tieni aggravju.

**<u>Ikkunsidrat</u>**;

Fir-rigward tat-**<u>tielet aggravju</u>**, l-appellanta tgħid illi l-Prosekuzzjoni naqset illi ġġib provi konklussivi li l- pussess ma kienx għall-użu esklussiv.. Tissottometti li r-raġunijiet kwotati mill-Ewwel Qorti ma jikkostitwux raġuni konklussiva għall-fini tal-istess imputazzjoni, u dan stante li ma nġabet ebda prova oħra mill-Prosekuzzjoni li tindika ekwivokament li dik id-droga li nstabet, fiċ-ċirkostanzi li nsabet fihom, kienet ser tiddaħħal ġewwa l-ħabs.

L-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

> '*meta r-reat ikun reat taħt l-artikolu 4 jew taħt l-artikolu 8(ċ) ta jew ikun jikkonsisti fil-bejgħ jew traffikar ta mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta din l-Ordinanza jew ikun reat taħt is-subartikolu (1)(f), jew ikun reat ta pussess ta mediċina, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta din l-Ordinanza,* ***<u>taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati,</u>*** *jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1Ċ) jew(1D) jew (lE), priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta mhux inqas minn erba mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87); (Emfażi miżjuda)*

Filwaqt li t-test Ingliż tal-istess subartikolu jaqra:

> '*where the offence is one under article 4 or under article 8(c) or consists in selling or dealing in a drug contrary to the provisions of this Ordinance or in an offence under subarticle (1)(f), or of the offence of possession of a drug, contrary to the provisions of this Ordinance,* ***<u>under such circumstances that the court is</u>***

*__satisfied that such possession was not for the exclusive use of the offender__, or of the offences mentioned in subarticles (1C) or (1D) or (1E), to imprisonment for a term of not less than six months but not exceeding ten years and to a fine (multa) of not less than four hundred and sixty- five euro and eighty-seven cents (465.87) but not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (11,646.87)' (Emfażi miżjuda).*

**Il-Misuse of Drugs Act, 1971 tar-Renju Unit** fl-artikolu 5(3) tiprovvdi li:

*'Subject to section 28 of this Act, it is an offence for a person to have a controlled drug in his possession, whether lawfully or not, __with intent to supply it to another__ in contravention of section 4(1) of this Act.' (Emfażi miżjuda)*

Għalhekk kif din il-Qorti ser tikkonsidra aktar l'isfel jirriżulta li hemm distinzjoni bejn dik li tiprovdi l-Liġi Maltija u dik tar-Renju Unit. Il-Qorti għalhekk issa ser tagħmel referenza għat-tgħallim ġurisprudenzjali rigwardanti ċ-ċirkustanzi li l-Qrati qisu li jiddeterminaw jekk ikunx hemm pussess sempliċi jew pussess mhux għall-użu esklussiv.

Illi kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**__Il-Pulizija Spettur Jesmond J. Borg Vs Lawrence Fabri__**'[78]:

*'Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed blintenzjoni ta spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta dritt li iressaq il quddiem l-appellanti huwa birrispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq **possession with intent to supply**", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni*

[78] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2017 (Appell numru: 243/2016)

*u cioe li ser isir xi forma ta traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il- pussess ta droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din iddistinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar linferenza li tista issir mill-gudikant. Madanakollu jerga jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta lispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia li din il-Qorti ser taghmel referenza ghaliha meta hemm imghallem superjorment:*

***Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il- pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma uzu" il-legislatur ried ifisser konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d- droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista jinghad li hu ghall- uzu esklussiv taghha[79]"***

*Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.*

[79] Deċiża fit-tnejn (2) ta' Settembru, 1999 (In-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata tlieta (3) tas-sentenza ċitata taqra '02/09/1999')

*Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

- *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
- *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
- *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*
- *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*
- *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*
- *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*
- *Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply*
- *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*
- *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.*[80]*"*

[80] In-noti ta' qiegħ il-paġna numerati erbgħa (4) fis-sentenza ċitata tiċċita 'www.cps.gov.uk

*Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:*

*Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article* ***may be inferred from objective factual circumstances."***

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Jonathan Mifsud'**[81] ġie kkunsidrat li:

*"'Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis- sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Mohammed Ben Hassen Trabelsi*** *tas-17 ta Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta jekk ammont ta droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta l-imputat o meno ghandha tigi ezaminata:*

***l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` lprova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il- prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak lammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta probabbilita`, li dak l- ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."***

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Noel Borg**[82] deciz fit-12 ta 'Frar 2009 intqal:

*Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri'*[83]*, dawn il-kazijiet mhux l- ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata.* ***Il-principju regolatur f dawn il-kazijiet hu li l- Qorti trid tkun sodisfatta lill***

[81] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ottubru, 2010 (Appell Kriminali Numru. 173/2010)
[82] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta 'Frar 2009
[83] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 2005

***hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal- pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f dan irrigward tista , skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio"[84]).”***

Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita 'jew ammont ta 'droga li tinsab fil-pussess tal-appellanta, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant ikun x'ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta 'droga involuta, u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita. L-oneru tal-prova jibqa dejjem fuq il-prosekuzzjoni sabiex tipprova li din ma kienitx għall-użu esklussiv.

Fil-każ in eżami id-droga skont x-xjenzat **Godwin Sammut**[85] kellha piz ta' 0.9grammi u purita ta' circa 15%[86]. B'dawn iċ-ċirkostanzi mingħajr ebda prova oħra, din il-Qorti ma tħoss li ġie ppruvat li s-sustanza ma kienitx għall-użu esklussiv tal-appellant u dan mingħajr dubju dettat mir-raġuni.

La darba din il-Qorti tilqa it-tielet aggravju u ssib li ma ġietx pruvata li d-droga ma kienitx għall-użu esklussiv tal-appellant jeħtieġ li l-piena tirrifletti dik ta' pussess sempliċi u knsegwentement ser ikun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputata mhux hatja tal- imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u tilliberaha minnha, izda ssibha hatja ta' pussess semplici tad-droga eroina, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tqieghda

[84] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Awissu, 1998
[85] Ara a fol. 41
[86] Ara a fol. 44 et seq.

taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk tonqos illi ssegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Dr Consuelo Scerri Herrera

Onor Imhallef

**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 199 / 2012 CSH**

**Il-Pulizija**
**Spettur Frans Micallef**
**V**

**Sharon Scicluna gja Cutajar**

**Ordni Ta' Probabtion**
**[Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum 6 ta' Mejju 2024**

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata Sharon Scicluna gja Cutajar, bint Joseph Cutajar u Maria Dolores Frendo imwieled San Giljan nhar is-17 ta' Settembru, 1974 u resident 61/2 Triq ill-Wied B'kara u detentur tal-karta ta identita numru 503174M gie impoggi taht Ordni ta Probation ghall perijodu ta tlett snin mill illum

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probabtion;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' Probabtion lil persuna mputataw innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni.

**Tordna li l-imsemmija persuna mputata titqieghed taht is-sorveljanza tal-Ufficjal tal-Probabtion nominat u dan ghal sentejn snin taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal ta' Probabtion , inkluz kull direttivi li l-Ufficjal tal-Probabtion jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;
2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Ufficjal ta' Probabtion skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Ufficjal ta' Probabtion ikun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;
3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Ufficjal ta' Probabtion i b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;
4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Ufficjal ta' Probabtion kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Ufficjal ta' Probabtion bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess persuna mputata; u
5. Li l-persuna mputata ghandha toqghod ghal kwalsiasi test tal-awrina taghha una volta mistoqsija mill ufficcjal tal-probabtion sabiex jigi accertat li ma hiex qed tabbuza mid-droga .

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati, lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.**

……………………………..

…………………………….

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Onor Imhallef**